# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX) INFERJURI

## MAĠISTRAT DOTTOR BRIGITTE SULTANA LL.D., LL.M (CARDIFF) ADV. TRIB. ECCL. MELIT.

**Illum, il-Ħamis, 30 ta' Novembru, 2023**

**Avviż numru: 1/2019 BS**

**Joseph Buttigieg u Fabienne Buttigieg Sultana**

**-vs-**

**Michael Gatt u għal kull interess illi jista' jkollha martu Tiziana Gatt**

**Il-Qorti;**

### A. Preliminari:

**Rat l-avviż**[1] fejn Joseph Buttigieg u Fabienne Buttigieg Sultana talbu sabiex l-intimat Michael Gatt u għal kull interess illi jista' jkollha martu Tiziana Gatt ikunu kkundannati li jħallsu lill-atturi ammont li għandu jiġi likwidat minn din l-Onorabbli Qorti, okkorrendo bl-opera ta' perit/i nominand/i, liema ammont, hekk likwidat ma jkunx jeżorbita l-kompetenza *ratione valoris* ta' din l-Onorabbli Qorti; u liema ammont hekk likwidat ikun jirrappreżenta danni illi sofrew u illi ser jibqgħu jsofru l-atturi per konsegwenza tal-aġir jew nuqqas ta' aġir tagħhom meta huma naqqsu milli jespletaw l-appalt mogħti lilhom għall-manifatturazzjoni, konsenja u nstallazzjoni ta' kċina u mejda tal-ikel skont l-arti u s-sengħa u

[1] Avviz a fol 1.

skont ir-regoli applikabbli, tant illi l-opra hekk manifatturata, ikkonsenjata u nstallata minnhom għandha difetti u vizzji materjali;

Bl-ispejjeż, inkluż dawk tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju illi qed jiġi preżentat kontestwalment u bl-imgħaxijiet skont il-Liġi, u bl-inġunzjoni għas-subizzjoni.

**Rat ir-risposta tal-konvenuti Michael Gatt u għal kull interess li jista' jkollha Tiziana Gatt[2] li permezz tagħha eċċepew:**

1. ILLI t-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fid-dritt u fil-fatt. Skont kif sejjer jirriżulta waqt is-smiegħ [sic] u t-trattazzjoni tal-kawża, l-appalt għall-manifaturazzjoni, konsenja u installazzjoni tal-kċina u l-mejda tal-ikel ġie esegwit mill-intimat Michael Gatt skont kif jitolbu l-arti, is-sengħa u r-regoli applikabbli u l-istess intimat uża materjal li kien idoneju għax-xogħlijiet li huwa kien mitlub li jagħmel;

2. ILLI għalhekk m'hemmx danni x'jiġu likwidati u mħallsa mill-intimati lir-rikorrenti stante li l-istess intimati ma jistgħux jitqiesu responsabbli għall-ħlas ta' xi danni;

3. ILLI konsegwentement it-talbiet tar-rikorrenti għandhom jiġi miċħuda bl-ispejjeż kollha kontra tagħhom inklużi dawk tal-mandat ta' sekwestru li sar kontestwalment ma' din il-kawża;

4. SALVI eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

**Rat ir-risposta ulterjuri tal-konvenuti li permezz tagħha eċċepew:**

1. Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma preskritti a tenur tal-artikolu 1431(1) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.
2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

**Fliet l-atti.**

[2] Risposta a fol 35.

**Rat** in-nota tal-atturi tad-29 ta' Mejju, 2019[3] li biha ezebew diversi dokumenti nkluz: [i] kopja tal-fattura datata t-18 ta' Mejju, 2017 mahruga lilhom mill-konvenut Michael Gatt referibilment ghal-kcina, mejda tal-ikel, u kisja ta' travu ghal-valur ta' €8,775;[4] [ii] kopja tal-ittra legali mibghuta minnhom lill-konvenut datata t-12 ta' Jannar, 2019;[5] [iii] kopja tal-ittra legali responsiva tal-konvenut datata l-24 ta' Jannar, 2019,[6] u; [iv] kopja ta' korrispondenza varja mibghuta bl-email bejn l-avukati rispettivi tal-partijiet.[7]

**Rat** in-nota tal-atturi tad-29 ta' Mejju, 2019 li permezz taghha ezebew rapport data is-6 ta' Marzu, 2019 u redatt mill-Inginier Renzo Curmi dwar umdita' fil-fond proprjeta' taghhom.[8]

**Rat** in-nota tal-atturi tat-3 ta' Dicembru, 2019[9] li biha ezebew diversi dokumenti nkluz [i] ritratt li juri l-istat tal-proprjeta' tal-atturi waqt li kienet qieghda titpogga l-kcina;[10] [ii] sett ritratti juru siggijiet tal-*pine* li gew akkwistati minghand terzi u mizbugha mill-attur stess fl-istess zmien li saret il-kcina u f'liema ma' harrgu ebda difetti,[11] u; [iii] sett ritratti mehuda fl-1 ta' Dicembru, 2019 li juru li l-hsara fil-kcina kompliet tiggrava.[12]

**Rat** li fl-udjenza tat-3 ta' Dicembru, 2019 l-atturi ddikjaraw l-istadju tal-provi taghhom maghluq ghajr ghal-prezentata ta' affidavit jew rapport ta' perit *ex parte* skond il-kaz.[13]

---

[3] Nota a fol 56 u 57 bid-dokumenti a fol 58 sa 80.
[4] Fattura a fol 58 – ittimbrata bhala "mhallsa" fil-5 ta' Gunju, 2017.
[5] Kopja tal-ittra a fol 64 bil-prova – a fol 65 – li din giet ircevuta mill-konvenut fl-14 ta' Jannar, 2019.
[6] Kopja tal-ittra responsiva a fol 66 – inkluz in verso pagina.
[7] Korrispondenza bl-email a fol 67 sa 71.
[8] Nota a fol 109 u rapport f'envelop ta' lewn kannella a fol 110. Ir-rapport jiddeskrivi ezami tal-livell ta' umdita' li sar fuq perijodu ta' gimgha bejn it-8 ta' Frar, 2019 u l-15 ta' Frar, 2019 f'intervalli ta' 5 minuti. Il-qari tal-livell tal-umdita' ittiehed fil-kcina kif ukoll fuq barra, fil-bitha wara l-istess kcina, sabiex setgha jsir ezami kumparattiv. Ir-rapport juri li l-livell ta' umdita' fuq barra lahaq medja ta' 62.4% mentri fuq gewwa lahaq medja ta' 67.2%. Jiccara wkoll li l-medja tal-livell ta' umdita ghal-gzejjer Maltin tul ix-xhar ta' Frar hija ta' 79%. Jghid ghalhekk li l-livell ta' umdita' moqri fuq gewwa tal-proprjeta' tal-atturi huwa konsiderevolment ibxax minn dak medju ghax-xahar ta' Frar f'Malta. Ir-rapport izid ukoll li ttiehed test iehor permezz ta' dawl *infrared* li ma' indika ebda zoni ta' umdita' fil-kcina. Il-konkluzjoni tar-rapport hija ghalhekk li fil-kcina tal-atturi m'hemmx livell ta' umdita' koncernanti jew lill'hemm minn dak normali f'binja f'Malta. Izid ukoll li dan kien rizultat mistenni premess li l-proprjeta' in mertu hija gdida, mibnija bi *standards* kontemporanji, u ghandha wkoll *basement* li jservi ta' barriera kontra l-umdu' tiela mis-sottoswol. Finalment izid li l-qari tal-livelli ta' umdita' mehudha ma' humiex tali li jistghu jikkagunaw hsara fil-kontenut tal-proprjeta'.
[9] Nota a fol 127 u 128.
[10] Ritratt a fol 129.
[11] Ritratti a fol 131 sa 135.
[12] Ritratti a fol 136 sa 145.
[13] Verbal a fol 155.

**Rat** ir-rikors tal-konvenuti tal-4 ta' Marzu, 2020 li bih talbu l-awtorizzazzjoni li jressqu eccezzjoni ulterjuri tal-preskrizzjoni ai termini tal-Artikolu 1431(1) tal-Kap. 16, Ligijiet ta' Malta.[14]

**Rat** ir-risposta tal-atturi tas-17 ta' Lulju, 2020 ghat-talba tal-konvenuti kif kontenuta fir-rikors taghhom tal-4 ta' Marzu, 2020.[15]

**Rat** id-digriet taghha tat-22 ta' Lulju, 2020 li bih laqghat it-talba tal-konvenuti kif kontenuta fir-rikors taghhom tal-4 ta' Marzu, 2020.[16]

**Rat** in-nota guramentata tal-konvenuti tas-27 ta' Ottubru, 2020 li biha ezebew sensiela ta' ritratti li juru l-bieba tal-kcina li baqghet fil-pussess tal-konvenut u li, skonthom, ma' regghet zviluppat ebda qsim wara li giet trattata ghat-tieni darba mil-konvenut.[17]

**Rat** li fl-udjenza tas-27 ta' Ottubru, 2020 il-partijiet qablu sabiex jigi nominat espert tekniku.[18]

**Rat** li fl-udjenza tat-18 ta' Frar, 2022 il-Qorti laqghet it-talba tal-konvenuti ghall-hatra ta' espert tekniku.[19]

**Rat** li b'digriet tal-21 ta' Frar, 2022 gie mahtur is-Sur Mario Vella sabiex filwaqt li jiehu konjizzjoni tal-atti u jezamina l-kcina tal-atturi u, bil-fakolta' li jisma x-xhieda; jiddetermina jekk il-manifattura, installazzjoni, u l-konsenja tal-istess kcina saritx skond is-sengah u l-arti.[20]

**Rat** ir-relazzjoni tal-espert tekniku s-Sur Mario Vella mahlufa fit-3 ta' Ottubru, 2022.[21]

**Rat** in-nota tal-konvenuti li biha ddikjaraw li hassewhom aggravati mir-relazzjoni tal-espert tekniku is-Sur Mario Vella u talbu ghalhekk il-hatra ta' periti teknici addizzjonali.[22]

---

[14] Rikors a fol 202. L-Artikolu 1431(1) tal-Kap. 16 jaqra: *L-azzjoni redibitorja u l-azzjoni stimatorja jaqgħu bil-preskrizzjoni, għal dawk li huma immobbli, bl-egħluq ta' sena minn dak in-nhar tal-kuntratt, u, għal dawk li huma ħwejjeġ mobbli, bl-egħluq ta' sitt xhur minn dak in-nhar tal-kunsinna tal-ħaġa mibjugħa.*
[15] Risposta a fol 205.
[16] Digriet a fol 208.
[17] Nota a fol 219 bir-ritratti a fol 220 sa 224.
[18] Verbal a fol 225.
[19] Verbal a fol 323.
[20] Digriet a fol 324.
[21] Relazzjoni a fol 339 sa 343.
[22] Nota a fol 345.

**Rat** li fl-udjenza tas-27 ta' Ottubru, 2022 il-konvenuti ddikjaraw li m'humiex ser jinsistu ghal-hatra ta' periti addizzjonali.[23]

**Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza**, inkluz id-dokumenti ezebiti u verbali kif ukoll it-traskrizzjonijiet tax-xhieda kollha u affidavits.

**Rat** li fl-udjenza tas-16 ta' Marzu, 2023 il-partijiet iddikjaraw il-kontro-ezamijiet ezawriti bil-kawza giet differita ghal prezentata tan-noti tal-osservazzjonijiet kif ukoll ghal-llum ghas-sentenza.[24]

**Rat in-noti tal-osservazzjonijiet tal-partijiet**.[25]

## B. Provi:

**Semghet ix-xhieda bil-gurament u rat dik maghmulha bil-procedura tal-affidavit, ta':**

**Joseph Buttigieg**, attur, xehed permezz ta' affidavit.[26] Jiddikjara li hu u martu ltaqghu mal-konvenut Michael Gatt f'darhom fejn iddiksutew kif kellha ssir il-kcina u l-mejda tal-ikel. Jghid li Michael ippropona li ssir tal-ballut – *oak* – izda martu ma' tantx kienet konvinta ghax dan ma' kienx injam jghogobha wisq.

Jghid li ghalhekk Michael ghamlilhom xi *samples* finit bil-kulur *wenge* fuq injam tal-fugu b'dan li assigurhom li r-rizultat jekk jintuza l-injam tal-ballut kien ser ikun identiku.

Jiddikjara li lilhom is-*sample* ghogobhom u ghalhekk talbu lill Michael jaghmlilhom stima ghal-kcina, mejda tal-ikel, u kisja ghal travu.

Jghid li l-istima kienet ta' €8,775 bil-valur ta' €150 kien ghal-kisja tat-travu.

Jghid li waqt li kienet qed tinhadem il-kcina ordnaw xi ghamara ohra minghand Michael ossia; zewg *vanities* u kamra tas-sodda.

---

[23] Verbal a fol 359.
[24] Verbal a fol 398 u 399.
[25] Mhux paginati.
[26] Affidavit a fol 38 sa 41.

Jiddikjara li l-kcina giet installata fix-xhar ta' April, 2017, ftit qabel it-tieg tieghu u ta' martu li sar fl-ahhar ta' April, 2017. Jghid li hu u martu kienu kuntenti bix-xoghol

Izid li kienu wkoll kuntenti bil-*vanities* li kienu saru bl-injam tal-fugu u bil-kamra tas-sodda li kellha qoxra tal-*american walnut*.

Jiddikjara li hu u martu bdew jaghmlu uzu mil-kcina sa mit-tieni gimgha ta' Mejju, 2017. Izid li ftit granet wara dan martu nfurmatu li l-bibien tal-kcina ma' kienux ghadhom jghalqu sew.

Jiddikjara li martu kellmet lill Michael li qalilha li kien hemm biss bzonn ta' aggustament zghir.

Jghid li ghalhekk huwa u martu qabbdu u hallsu l-valur shih tal-kcina, il-mejda tal-ikel, u l-kisja tat-travu fis-somma ta' €8,775.

Jiddikjara li aktar tard, f'Gunju, 2017 martu nfurmatu li l-bibien tal-kcina kienu qed jizviluppaw bhal qsim. Jghid li huwa ra dan l-istess qsim izda billi m'huwiex tal-mestjir qabel ma' martu li jkellmu lill Michael. Jghid li hekk ghamlu mbaghad martu qaltlu li Michael talabha tibghatlu xi ritratti li fil-fatt bghatitlu bil-*WhatsApp* fl-24 ta' Lulju, 2017.

Jiddikjara li wara dan, meta Michael kien ghandhom dwar xi xoghol iehor, talbuh jara l-bibien tal-kcina. Jghid li Michael qalilhom li ma' kienx normali li zviluppaw tali qsim u li kien ikun ghaqli jhallu l-istagun jghaddi sabiex ic-caqliq li kellu jsehh ikun sehh imbaghad hu jaqla' darba. Izid li huma ghadu fuq il-kelma tieghu.

Jghid li billi x-xoghol l-iehor li ma' kellux x'jaqsam mal-kcina kien tlesta, hu u martu xtaqu jhallsu tieghu. Izid izda, li mill-banda l-ohra, stante l-problemi li kellhom bil-kcina – li kienu diga hallsu kollox taghha – kienu reticenti li jissaldaw il-kont ulterjuri.

Jghid li ghalhekk huma ssuggerew lill Michael li jzommu bilanc mill-valur dovut dwar l-ghamara l-ohra sakemm tigi risolta l-kwistjoni tal-kcina. Izid li Michael qabel ma' dan is-suggeriment stante li rrikonoxxa li kien hemm problemi bil-kcina.

Jiddikajra li xi zmien wara nnutaw li l-wicc tal-*quartz* tal-bank tal-kcina wkoll kien qed jaghmel moviment. Jghid li hu u martu hasbu li dan kien relatat ma' nstallazzjoni hazina da parti ta' minn installa il-wicc u ghalhekk sejhu ghalihom.

Jghid li dwar il-wicc mar ghandhom certu Marvic Xerri minn *CMX Marbles* li ssuggerixxa li tinqala parti mil-wicc u titwahhal mil-gdid. Jghid li malli nqala' il-wicc indunaw li kien l-injam li kien qieghed jimbotta l-istess.

Jghid li hawn regghu cemplu lill Michael u talbuh imur jixkatla parti mill-injam halli ghalmenu jerga itpogga l-wicc. Jghid li fil-fatt kien mar u hekk ghamel. Izid izda li b'dan l-intervent ix-xoghol ma' baqax pulit kif kien originarjament. Jghid ukoll li tali rimedju ma' servix wisq fit-tul bil-lum il-wicc reggha ccaqlaq. Ikompli jghid li fl-istess waqt il-qsim fil-kcina u anke l-mejda tal-ikel baqa' jizdied.

Jiddikjara li huwa kien determinat li l-problema tal-kcina tissolva darba ghal dejjem sal-2018. Jghid li beda ghalhekk jigri wara Michael li kien sikwiet jghidlu li anqas hu ma' kien kuntent b'kull ma' kien inqala. Izid li Michael kien jassigurah li kien ser jaghmel li hemm bzonn "ikun meta jkun" izda kien dejjem jinsisti li kellhom jaghtu cans sabiex il-moviment li ghandu jsir ikun sar.

Jghid li Michael kien ikkonfermalu li meta jkun iz-zmien adattat – sabiex ix-xoghol rimedjali jsir darba u sewwa – huwa kien lest anke jibdel il-partijiet difettuzi a spejjez tieghu.

Jghid li ghalhekk huwa u martu baqghu jistennew.

Jiddikjara li eventwalment Michael qabel li z-zmien kien sar sabiex isir ix-xoghol rimedjali. Jghid li huma kienu kuntenti b'dan ghax sa dakinhar il-kcina kienet marret lura hafna.

Jghid li Michael kien xtaq li l-ewwel pass ikun li jinqalghu xi partijiet u jergghu jigu mizbugha. Jghid li huma riedu li x-xoghol rimedjali jsir darba ghal dejjem. Jghid li kienu ghalhekk qablu ma' Michael sabiex jibda b'bieba wahda sabiex jaraw kif jirrizulta x-xoghol.

Jghid li kienu staqsew lill Michael x'jigri jekk jerga johrog id-difett u dan qalilhom li f'dak il-kaz huwa kien idur fuq is-supplitur tieghu ghax kien ifisser li mill-materjal mhux mix-xoghol.

Jiddikjara li l-importanti ghalihom kien li l-problema tissolva.

Jghid li f'Ottubru, 2018 sar ix-xoghol rimedjali fuq bieba wahda billi din giet xkatlata u mizbugha izda mhux mibdula. Jghid li meta ra l-bieba lesta din kienet tidher tajjeb hafna izda dakinhar stess, qabel telaq mill-garaxx ta' Michael, Michael talbu jiffirma karta li kienet giet preparata mill-avukat tieghu. Jghid li hawn qal lill Michael li l-ewwel rid jara l-karta sew.

Jghid li l-bieba rrangata wahhalha f'postha hu stess u hemm kemm hu kif ukoll martu mill-ewwel ma' kienux kuntenti ghaliex il-kulur kien varja mill-kumplament tal-kcina. Izid li madanakollu l-problema tal-qsim dehret solvuta.

Jghid li dan izda dam biss minnu sa' xi gimghatejn wara, meta reggha tfacca l-qsim. Jghid li hawn hu u martu kienu ghalhekk konvinti li dak li kien hemm hazin setgha biss jissolva bil-bdil tal-kcina ghal-wahda gdida.

Jiddikjara li f'Dicembru 2018 ftehmu ma' Michael sabiex imur ghandhom mas-supplitur tieghu sabiex jaraw x'qed jigri. Jghid li hekk sehh bis-supplitur, malli dahal ghandhom, beda jghid li qed jaghmlu ghageb fuq ix-xejn u li l-materjal tieghu tajjeb izda huma ghandhom problema ta' umdita' eccessiva.

Jghid li hu ma' setghax jemmen dak li kien qed jisma partikolarment meta anke Michael kien irrikonoxxa li kien hemm xi haga hazina fil-kcina mhux f'darhom u anke ghaliex f'darhom m'ghandhomx umdu.

Jghid li huma ma' kienux kuntenti minn kif tkellem is-supplitur u li milli fehmu wara li tkellmu ma' Michael anqas Michael ma' kien. Izid li Michael kien ilu jammetti li hemm problema fil-kcina u l-mejda tal-ikel.

Izid li sabiex iserrahlu rasu Michael stess kien qallu li ghal bzonn huma kellhom ifittxu lilu sabiex huwa mbaghad ifittex lis-supplitur tieghu.

Jghid li huma dejjem xtaqu jsibu soluzzjoni barra mill-Qorti.

Jghid li z-zmien baqa' ghaddej u huma kienu nkwetati li l-kwistjoni ma' kienitx ser tizzolva.

Jghid li l-kcina baqghet sejra ghall-aghar.

Jghid li huma tant kienu ddisprati li kien anke qal lill Michael li kien lest ibghati xi haga zghira ohra basta tissolva l-kwistjoni, anke jekk huma ma' kellhom tort ta' xejn. Jghid li hawn Michael insista li jhallu xi xhur ohra jghaddu. Izid li huma nkwetaw li bit-trapass taz-zmien jitiflu r-rimedji gudizzjarji disponibbli ghalihom.

Jiddikjara li finalment kien gie suggerit li ssir karta bl-avukati tat-tnejn stante li dik proposta minn Michael kienet ta' zvantagg ghalihom. Izid li meta cempel lill Michael minghand l-avukat tieghu jghidlu x'kellu jsir bhala karti Michael beda jlaqlaq u jgib hafna skuzi sabiex ma' jiffirmax.

Jghid li hawn ir-relazzjoni tieghu ma' Michael inbidlet, b'Michael beda jgholli lehnu u anke semmielu li kien baqalu jtih xi flus u li jekk kien ser jerga jkellmu kien ser jifthilhom kawza.

Jghid li huwa fakkar lill Michael li l-bilanc li nzamm kien inzamm bi qbiel bejniethom u kellu jinzamm sakemm tigi risolta l-kwistjoni tal-kcina.

Jiddikjara li ghalhekk reggha tkellem mal-avukat tieghu u fit-12 ta' Jannar, 2019 intbghatet ittra lill Michael ghall-liema huwa rrisponda fl-24 ta' Jannar, 2019. Jghid li giet anke skambjata xi korrispondenza bl-email bejn l-avukati rispettivi taghhom.

Jghid li inqas minn gimghatejn wara li rcevew l-ittra ta' Michael tal-24 ta' Jannar, 2019 gew rinfaccjati b'kawza li ghamlilhom Michael. Izid li hawnhekk huwa u martu bdew dawn il-proceduri.

**Xehed ulterjorment**[27] li r-ritratti annessi man-nota taghhom, l-atturi, tat-3 ta' Dicembru, 2019 hadhom hu hlief ghall-ewwel wiehed li hadithu martu, l-attrici.

[27] Traskrizzjoni a fol 146 sa 152.

Izid li sett minn dawn ir-ritratti juru sett siggijiet li ghandhom fil-kcina u xtrawhom huma stess minghand *Atrium*, Malta. Jghid li dawn is-siggijiet huma maghmul mill-injam *pine* u huma kienu ghaddewhom lill-konvenut Michael Gatt sabiex Michael zebagh is-saqajn taghhom bl-istess tip ta' zebgha bhal kcina.

Jghid li dawn is-siggijiet ma' gralhom xejn.

Izid li mbaghad hemm ritratti li juru l-hsara riskontrata fil-kcina.

Jispjega li sensiela ritratti ohrajn juru kif il-*quartz* tal-wicc tal-*island* tal-kcina taghhom intrefa minhabba li espanda l-injam ta' tahtu. Jghid li l-konvenut Michael kien ghalhekk mar ghandhom u xkatla mill-injam sakemm il-*quartz* reggha nizel l-isfel. Izid li minkejja dan illum il-*quartz* reggha ntrefa.

Jghid li r-ritratti huwa hadhom fl-1 ta' Dicembru, 2019, jumejn qabel is-seduta li fiha qed jixhed.

Jghid li sensiela ta' ritratti ohrajn juru l-qsim li hareg fil-bibien tal-kcina u fil-mejda tal-ikel.

**In kontro-ezami**, xehed[28] li huwa bhalissa ghandu bieba li ilha nieqsa mil-kcina tieghu mill-2018. Muri l-bieba ezebita fil-Qorti mill-konvenut jghid li tixbah lill dawk tieghu izda ma' jistax jahlef li hija dik tieghu.

**In kontro-ezami ulterjuri**, xehed[29] li huma tkellmu mal-konvenut u huwa ssuggerilhom li l-kcina tinhadem tal-ballut. Jghid li wara dan inghataw kwotazzjoni ghal-kcina mahduma bil-ballut u ohra mahduma bl-*american walnut* u hemm ghazlu l-ballut.

Jghid li l-konvenut kien ukoll urihom *samples* fuq tip ta' injam iehor u qalilhom li bil-ballut ir-rizultat johrog l-istess. Jghid li finalment ghazlu l-ballut ghax l-*american walnut* kien gholi hafna.

Jaqbel ghalhekk li huma ghazlu l-ballut.

[28] Traskrizzjoni a fol 198 u 199.
[29] Traskrizzjoni a fol 226 sa 237.

Jaqbel li s-*sample* kienet intweriet lilhom biss bhala referenza tal-kulur mhux bhala tip ta' injam ghal-kunsiderazzjoni taghhom sabiex minnu ssir l-kcina.

Jikkonferma li f'Gunju, 2017 martu gibditlu l-attenzjoni ghal qsim. Jghid li anzi qabel dan l-ewwel ma' nnutaw kien li l-bibien ma' kienux qed jghalqu sew.

Jiccara li dakinhar li l-kcina l-ewwel li giet installata ma' raw xejn hazin tant li lill-konvenut hallsuh il-prezz intier taghha. Jghid li xi xahar wara li hallsuh bdew ma' jinghalqux il-bibien sew, martu kelmet lill-konvenut, u dan qalilha li kull ma' kien hemm bzonn kien aggustament zghir. Izid li mbaghad, wara li bdew ma' jinghalqux il-bibien, beda jitfacca l-qsim.

Jghid li l-qsim kienu linji bojod fil-bibien.

Jghid li hu u martu zzewgu fit-30 ta' April, 2017 u l-kcina bdew juzawha immedjatament meta dahlu fil-post xi gimgha wara z-zwieg.

Jghid li ma' jafx kemm ghaddha zmien bejn l-installar tal-kcina u meta hallsu ghalija.

Muri l-fattura a fol 58 tal-process bil-ktiba fuqha li l-hlas ghal-kcina sar fil-5 ta' Gunju, 2017 jaqbel li dik turi meta hallsu ghal-kcina.

Mistoqsi jekk jaqbilx, allura, li l-qsim kien diga hareg meta hallsu lill-konvenut jghid li huma l-ewwel ma' kellmu lill-konvenut kien fuq li l-bibien ma' kienux qed jghalqu sew u qadu fuqu meta qalilhom li dak m'hu xejn u jitranga.

Jghid li l-qsim tfacca f'Gunju izda wara li kienu diga hallsu lill-konvenut.

Jghid li l-*quartz* ta' fuq l-*island* beda jintrefa u l-ewwel ma' kellmu kien lill tal-irham. Jghid li meta dan qala' l-irhama kien jidher li l-injam kien qieghed jimbotta' lill-istess peress li espanda. Jghid li hawn sejhu ghal-konvenut li mar xkatla bicca mill-injama taht l-irhama izda din ma' gietx kif kienet u biz-zmien iggravat.

Mistoqsi kienx hu jew il-konvenut li hareg bl-ideja li jinbidel kollox jinsisti li huma kienu jitkellmu mal-konvenut li kien jghidilhom li riedu

jistennew sabiex ix-xoghol joqod. Jghid li kien dejjem jghidilhom li jirrangalhom *"ikun meta jkun"*.

Suggerit lilu li billi kien jghidilhom li ser jirrangalhom, ma' jfissirx li l-konvenut kien qed jghidilhom li ser jibdlilhom, jghid li l-konvenut kien jghidilhom li dak li jkun hemm bzonn isir, isir.

Jaqbel li fl-2018 iltaqgha mal-konvenut u qallu jmur jara x'qed jigir. Izid li jahseb li l-konvenut kien baqa' sejjer mieghu jara l-kcina.

Jaqbel li l-kcina ghadha ghandhom u ghadhom jutilizzawha sal-lum.

Jghid li l-konvenut kien dejjem jammetti mieghu li hemm il-hsara fil-kcina u li rid jirrangalhom l-istess. Jghid li kien il-konvenut li jghidlu li ma' kellux ibghati l-materjal hu jekk il-problemi kienu kwistjoni ta' materjal difettuz. Izid li l-konvenut kien jghidlu sabiex f'dak il-kaz hu – l-attur – ifittex lilu – lill-konvenut – sabiex imbaghad il-konvenut idur fuq is-supplitur tieghu.

Jichad li il-karta li tah sabiex jiffirma l-konvenut dakinhar li mar jigbor bieba tal-kcina minghandu kienet intalbet minnu stess. Jghid li kien zmien wara li huwa talab li ssir karta bl-avukati rispettivi taghhom.

Jghid li l-bieba li kien ha l-konvenut kien mar gabarha lura hu u nstallaha f'postha hu. Jghid li kien dakinhar li l-konvenut hariglu l-karta mhejjija mill-avukat tieghu.

Jghid li gimghatejn wara li ha' din il-bieba lura reggha tfacca l-qsim fil-gnub taghha. Jghid li dwar dan hemm ritratti tal-*WhatsApp* a fol 108 tal-process. Jghid li meta bghatlu dawn ir-ritratti l-konvenut irrisponda li l-qsim jidher u li kien ser jerga jghaddi ghal-bieba sabiex juriha lis-supplitur tieghu mbaghad jghidlu kif jibqghu.

Jghid li dawn ir-ritratti juru l-bieba li kienet giet irrangata.

Jghid li din il-bieba regghet ittiehdet mil-konvenut sabiex juriha lis-supplitur.

Muri sett ritratti tal-bieba li qieghda fil-pussess tal-attur – a fol 220 *et seq* tal-process – u mitlub jindika fejn f'dawn jirrizulta l-qsim li jghid li jidher a fol 108 tal-process, jghid li l-qsim qieghed fil-gnub.

Jghid li l-bieba issa fil-pussess tal-konvenut tidher aktar skura minn dik li kienet giet ritornata lilu. Jaqbel li din il-bieba issa fil-pussess tal-konvenut ma' jidhirx qsim fiha.

Jghid li wara li regghet ittiehdet il-bieba mil-konvenut mar ghandhom is-supplitur tal-injam. Jaqbel li dan mill-ewwel wahhal fl-umdita'. Jghid li din kienet l-ewwel darba li ssemmiet l-umdita'. Jghid li s-supplitur ma' gie b'ebda apparat sabiex jaqra l-livell ta' umdita'.

Jghid li hu proposti ghamel imma mhux kif jghid il-konvenut. Izid li hu propona li kien lest ibghati xi haga ohra hu u saqsa lill-konvenut jghidlu x'jistghu jaghmlu.

Jghid li kien lest jerfa' parti mill-ispiza izda ma' tkellmux fuq valur.

Jaqbel li aktar tard kien hu li propona li ssir karta bl-avukat. Izid li cempel lill-konvenut minghand l-avukat tieghu u saqsih kif ser jibqghu u dan qallu li ghand l-avukat tieghu ma' jmurx. Jghid li qallu li setghu jiltaqaw ghand liema avukat irid basta hu ikun patrocinat. Jghid li dan sehh kollu wara li hu nforma lill-konvenut li kien lest ibaghti parti mill-ispiza.

Mistoqsi mill-Qorti x'kellu f'mohhu li jsir bil-karta jghid li hu kien koncernat mit-trapass taz-zmien stante li kienu dejjem qed jithallew jistennew minhabba l-moviment tal-injam.

**Fabienne Buttigieg Sultana**, l-attrici, xehdet permezz ta' affidavit.[30] Taqbel ma' dak kollu dikjarat minn zewgha l-attur fl-affidavit tieghu.

Izzid li meta Michael issuggerilhom sabiex jaghmlu l-kcina tal-ballut, hija uriet li dan mhux injam li joghgobha, izda hu assiguraha li mizbugh *wenge* ma' jkuxn jidher kif tahseb hi.

[30] Affidavit a fol 42 sa 44.

Tghid li mbaghad Michael urihom *sample* fuq injam fugu u assigurhom mhux biss li l-istess zebgha *wenge* tkun identika fuq l-ballut izda wkoll li l-ballut ma' kienx ikollhom problemi bih ghaliex huwa prodott tajjeb u sod.

Tghid li ghalhekk qablu li l-kcina ssir bl-injam tal-ballut.

Izzid tiddikjara wkoll li f'Mejju, 2017 kienet mhabbta hafna peress li kienu qed jispustjaw rwiehhom minn djarhom qabel iz-zwieg ghad-dar matrimonjali taghhom. Tghid li pero', anke f'dan l-istadju waqt tindif superficjali li kienet qieghda taghmel kienet diga bdiet tinnota li xi bibien tal-kcina kienu qed jehlu.

Tghid li kienet kelmet lill Michael dwar dan u hu qalilha ma' tinkwetax ghax kull ma' kienu jinnecessitaw kien aggustament zghir.

Izzid li mbaghad lejn l-ahhar ta' Gunju, 2017 innutat il-qsim.

Tikkonferma l-kumplament tat-testimonjanza ta' zewgha l-attur.

Izzid tghid li Michael kien sikwiet imur jaggusta l-bibien tal-kcina li jkunu ddendlu izda hi ma' tistennix li kcina li swiethom tant ghandha tibqa tigi rrangata minn zmien ghal zmien. Izzid li llum il-bibien kwazi kollha ma' jinghalqux.

**Xehdet ulterjorment**[31] li l-ewwel ritratt anness man-nota taghhom, l-atturi, tat-3 ta' Dicembru, 2019, haditu hi f'April, 2017 meta kienet qed titwahhal il-kcina.

Tghid li r-ritratt juru t-tpoggija tal-qafas tal-kcina kif ukoll li l-aperturi dakinhar kienu diga installati u li s-suffitt kien lest.

**In kontro-ezami**, xehdet[32] li l-post taghhom bdew jibnuh fl-2015 u lestewh fl-2017. Taqbel li huma zzewgu fit-30 ta' April, 2017 b'dan li sa April, 2016 il-post taghhom kien diga mibni *in shell form*.

Izzid li huma dahlu fil-post fl-2017, mill-ewwel wara li zzewgu.

[31] Traskrizzjoni a fol 153.
[32] Traskrizzjoni a fol 246 sa 254.

Taqbel li meta gew sabiex jordnaw il-kcina l-konvenut urihom *sample* taz-zebgha *wenge* fuq injam fugu. Izzid li nfurmaghhom ukoll li fuq il-ballut ir-rizultat kien ser ikun identiku.

Tghid li hi ma' riditx hafna vini fil-kcina u l-konvenut assiguraha li x'hin il-ballut jinzebah skur – *wenge* – il-vina tintilef. Izzid li hawn qalilha li l-aktar injam adattat ghal-kcina huwa l-ballut b'hekk ghazlu l-ballut.

Taqbel li jista jkun li ghazlu li ma' jaghmlux il-kcina tal-fugu ghax dan kien materjal ghola mill-ballut izda finalment l-ghazla taghhom kienet ukoll fuq suggeriment tal-ballut.

Tghid li l-ewwel li nnutat il-qsim abjad kien lejn l-ahhar ta' Gunju, 2017. Izzid li dan beda minn bieba wahda u beda jizdied minn hemm.

Tghid li l-qsim beda jidher fejn kien hemm il-vina tal-injam, l-isfel mil-pumijiet, u fil-gnub in-naha ta' fuq.

Taqbel li meta twahlet il-kcina difetti ma' kellix. Tghid li d-difetti bdew jirrizultaw fi zmien xahar mill-installar u bdew l-ewwel bil-bibien ihokku ma' xulxin.

Mistoqsija jekk il-bibien bdewx jehlu ghax iddendlu jew ghax hxienu tghid li kienu jidhru li ddendlu. Tghid li fil-fatt il-konvenut qalilha li din kienet kwistjoni ta' aggustament. Izzid li tant u hekk li l-konvenut mar aggusthom u dawn regghu bdew jghalqu.

Tghid li ma' tiftakarx meta hallsu ghal-kcina izda tghid li xi xahar wara li nghataw il-kont huma hallsu. Izzid li ma' tiftakarx kienux diga hargu d-difetti fil-kcina meta hallsu.

Dwar l-irhama li giet merfugha tghid li dan sehh ghax tahta hemm injama *solid* li simnet miz-zewg nahat.

Tghid li meta mar is-supplitur tal-konvenut ghandhom hi ma' tantx qadet maghhom ghax kienet qed tiehu hsieb it-tarbija taghha. Izzid izda li tiftakar li dan semma' l-umdita'. Tghid li dan gie xi Dicembru, 2018.

Tghid li s-supplitur kellu attitudni maghhom u qalilhom li qed jistghagbu ghax il-kcina tidher sew u qed tintuza. Tghid li iktar tkellem

dwar moviment milli umdita'. Izzid li beda jghid li l-ballut jaghmel moviment. Tghid li l-umdita' wara bdiet tissemma.

**Michael Gatt**, in subizzjoni, xehed[33] li huwa ghamel xoghol lill-atturi f'darhom il-Qala, inkluz xoghol ta' kcina u mejda tal-ikel.

Jaqbel li ma l-ordni tal-kcina l-atturi kellmuh ukoll dwar xi *vanities* u kamra tas-sodda. Izid li l-ordni proprja ghal dawn il-bicciet ghamara ulterjuri saret waqt li kienet qed tinhadem il-kcina.

Jaqbel li l-injam li ntuza fil-kcina u l-mejda tal-ikel mhux bhal dak li ntuza ghal *vanities* u ghal-kamra tas-sodda. Jghid li l-kcina saret solida, tal-ballut, b'dan il-materjal gie akkwistat minnu minghand supplitur tieghu, li ghazel hu mhux l-atturi.

Jaqbel li f'inqas minn 4 xhur mill-istallazzjoni tal-kcina l-atturi kellmuh dwar problemi li kienu qed jirriskontraw biha. Jaqbel li parti minn dawn il-problemi kien qsim fil-bibien tal-kcina u fil-mejda tal-ikel, izda mhux fil-qafas tal-kcina.

Jaqbel ukoll li aktar ma' beda jghaddi z-zmien aktar beda jizdied il-qsim.

Jaqbel li tali qsim mhuwiex xi haga normali. Jghid li dan sehh minhabba umdu. Izid li l-injama hija hajja u jekk tiehu l-umdu tespandi. Jghid li l-qsim facilment jigi rrangat.

Jaqbel li l-qsim huwa kkawzat b'rizultat ta' l-umdita'.

Muri sett ta' ritratti[34] jaghraf li dawn juru l-kcina tal-atturi maghmula minnu – ghajr fejn jidher l-irham – u l-qsim li qed jitkellem dwaru.

Jaqbel li, apparti l-qsim, fil-kcina hemm problema ta' bibien li ddendlu u m'humiex jghalqu sewwa.

Jghid li l-problemi ta' qsim u bibien jiddendlu huwa mar rahhom fuq il-post. Jghid li huwa mar kemm il-darba fuq il-post tal-atturi kemm biex

[33] Traskrizzjoni a fol 81 sa 98.
[34] Ritratti a fol 102 sa 107.

jitkellem maghhom kif ukoll biex jara l-qsim u jaggusta bibien li jiddendlu. Jghid li huwa dejjem jirranga rid.

Mistoqsi dwar parti mill-wicc li kellha tinqala ghax espanda l-injam jaqbel li tassew gara hekk. Izid li l-espansjoni sehhet minhabba l-umdu.

Jaqbel li huwa qatt m'ghamel test sabiex jara hemmx umdita' fil-post tal-atturi. Jghid izda li huwa ghandu bieba mil-kcina tal-atturi li ha ghand espert li rrilaxxalu rapport.

Mistoqsi jekk dan l-espert huwiex is-supplitur tieghu stess – *PM Hobby Supplies* – jghid li le.

Jaqbel li huwa qatt ma' ra sinjali ta' umdita' fil-post tal-atturi. Izid izda li l-atturi kellhom problemi ohra fil-post u allura jista' jkun li kien hemm l-umdita'. Jghid li l-atturi kellhom problemi bil-kisi u suffitti li jindikaw dan.

Jaqbel li problemi bhal dawk riskontrati fil-kcina tal-atturi qatt ma' ra tul il-karriera tieghu ta' mastrudaxxa.

Jaqbel li l-kcina giet installata f'post gdid li kien ghadu kemm inbena.

Jirrifjuta li huwa xi darba accetta li l-materjal huwa difettuz. Izid izda li huwa dejjem qal lill-attuir li rid li jirranga. Jghid li fil-fatt irranga bieba li ghadha ghandu u baqghet sewwa.

Jghid li huwa kien lest jirranga a spejjez tieghu.

Jghid li l-atturi ma' rieduhx jirranga l-bibien l-ohrajn izda rieduh jibdel il-kcina kollha.

Mistoqsi jekk il-bieba li rranga wara xi gimghatejn regghatx zviluppat qsim jghid li le. Izid li din ghadha ghandu u lest juriha lill-Qorti.

Jaqbel li fuq il-*vanities* u l-kamra tas-sodda tal-atturi m'hemmx kwistjonijiet. Jghid li hemm intuza injam differenti. Jaqbel ukoll li mall-atturi qabel sabiex bilanc mill-ammont dovut dwar dawn jibqa' f'idejhom sakemm tigi risolta l-kwistjoni tal-kcina.

Jghid li dwar il-bieba li tinsab ghandu kien cempillu l-attur u qallu li l-istess kienet reghet inqasmet. Jghid li din ghadha perfetta.

Riferut ghal-messaggi b'ritratti li ntbaghtu bejnu u l-atturi dwar difetti li regghu hargu fil-bieba li kien irranga,[35] jikkonferma l-istess bhali hekk kif intbghatu bejniethom.

Mistoqsi kif issa jghid li din il-bieba ghadha perfetta, jghid li fir-ritratt jidher xi qsim izda huwa ma' jistax jikkonferma jekk dak ir-ritratt jurix l-istess bieba li kien irranga. Izid li meta huwa ra' il-bieba li kien irranga fuqha ma' rax qsim.

Jghid li ghal *vanities* huwa uza *solid beach wood*, ghal-kamra tas-sodda uza *chipboard* miksi bl-*american walnut*, mentri ghal-kcina uza *solid oak* – ballut.

Jaqbel li l-fattura tal-kcina, mejda tal-ikel, u kisja tat-travu giet saldata.

Jaqbel li l-ewwel kawza nfethet minnu fit-Tribunal ghal-Talbiet Zghar u dan kien wara li gew skambjati ittri legali. Izid izda li l-kwistjoni kien ilha snin gejja.

Jghid li lill-attrici kien spiss jaraha ghaliex kien jibghat lill-ibnu ghal-privat ghandha. Izid li sikwiet kien jghidilha tghidlu jmur jaqla' il-kcina sabiex jirrangaha.

Jaqbel li dwar il-bilanc li ghadu pendenti bejnu u l-atturi kien hemm qbiel li l-istess kellu jithallas malli tigi risolta l-kwistjoni tal-kcina peress li l-kcina kienet lahqet thallset kollha.

Jaqbel li kienu l-atturi li fil-verita' kienu jigru warajh sabiex isolvi l-kwistjoni tal-kcina.

Jaqbel li d-dokument abbozzat mill-avukat tieghu dwar il-kwistjoni tal-kcina huwa prezentah lill-attur meta dan mar jigbor il-bieba li kien ha sabiex jerga jizboghha. Izid li hawn l-attur qallu li din rid qabel xejn juriha lill-avukat tieghu.

[35] *Screenshots* a fol 108.

Jghid li l-intenzjoni tieghu b'dan il-ftehim ma' kienx kif suggerit lilu, li l-atturi kellhom jistennew xi sena ohra sabiex jaraw x'jigri mil-bieba irrangata mbaghad jekk jerga johrog id-difett ikellem lis-supplitur imma jekk le jirranga l-kumplament a spejjez tieghu. Jghid li l-intenzjoni tieghu kienet, izda, li jserrah mohh l-attur li d-difett mhux ser jerga johrog izda jekk jerga johrog jirrangalu.

Jghid li d-difett hareg mill-injam, il-materjal, mhux mix-xoghol tieghu.

**In kontro-ezami**, xehed[36] li huwa mar jiehu l-qisien ghal-kcina meta l-proprjeta' tal-atturi kien ghadha gebel u saqaf. Jghid li dan anke sabiex qal lill-atturi fejn kellhom isiru l-*points* tad-dawl. Jghid li mbaghad kif beda miexi x-xoghol l-atturi qalulu jlestilhom il-kcina.

Jghid li hu beda jinstalla l-kcina meta kien ghad hemm il-haddiema jahdmu fil-post tal-atturi. Jghid li fiz-zmien li huwa kien qed jinstalla l-kcina l-aperturi tad-dar tal-atturi jew kien ghadhom kemm gew installati jew kienu qed jigu nstallati.

Jghid li wara li hargu d-difetti huwa mar ha bieba mil-kcina liema bieba reghha zebaghha. Izid li wara dan, il-bieba hadha l-attur u wahhalha f'postha. Jghid li mbaghad l-attur qallu li fiha regghu tfaccaw il-qsim b'dan li huwa mar reggha hadha sabiex juriha lis-supplitur tieghu. Jghid li malli gabar din il-bieba huwa ma' rax qsim fiha. Izid li din il-bieba baqghet ghandu.

Jghid li s-supplitur tieghu huwa Alex Mercieca.

Jghid li l-bieba li ghandu f'idejh huwa urijha lill Michael Formosa li huwa espert fl-injam u li ghamillu rapport. Jghid li mir-rapport irrizulta li l-kwistjoni hija kollha wahda ta' umdu li akkumula waqt il-kostruzzjoni tal-post fil-gebla, kisi u madum u li l-injam *solid* assorba u b'hekk ghamel moviment.

Jghid li huwa ghandu ircevuta li meta xtara l-injam dan kien imnixxef. Jghid li ghalhekk espanda bl-umdu li xorob.

[36] Traskrizzjoni a fol 98 sa 101.

**Xehed ulterjorment, in ezami**,[37] li huwa mar ha bieba mil-kcina tal-atturi sabiex jirrangaha peress li fuqha kien hareg xi qsim. Jghid li din il-bieba hadha l-garaxx tieghu, darha, u reggha zebaghha. Izid li mbaghad taghha lura lill-attur biex iwahhalha f'postha.

Jghid li b' "darha" huwa jrid ifisser li ta' il-kulur kull fejn kien hemm il-qsim abjad imbaghad reggha zebagh il-bieba kollha kemm hi.

Jghid li dan ix-xoghol ghamlu f'Ottubru, 2018.

Jghid li l-attur ha l-bieba lura u poggiha f'postha. Izid li l-ftehim kien li jhallu ftit zmien jghaddi u jekk din tibqa sew huwa jirranga l-kumplament tal-kcina u jekk le, isejjah ghas-supplitur tieghu ghax ikun ifisser li l-problema hija mill-injam.

Jghid li xi xahrejn wara l-attur nfurmah li fil-bieba li kien irranga regghu hargu l-qsim. Izid li hawn hu qal lill-attur li l-ahjar kien li jtih il-bieba lura sabiex juriha lis-supplitur tal-materjal.

Jghid li ghalhekk din il-bieba spiccat ghandu u huwa ghaddiha lil professjonist sabiex jezaminaha.

Izid li l-bieba baqghet f'idejh minn dak iz-zmien.

Jghid li huwa dejjem zam din il-bieba fil-garaxx tieghu. Juri l-bieba fil-Qorti u jispjega li din hija tal-ballut *solid* u mindu reggha zebaghha t-tieni darba qatt ma' reggha messa tant li bejn *joint* u ohra harget qasma zghira li huwa normali. Izid li ma' hargu ebda difetti ohra.

**In kontro-ezami**, xehed[38] li jaqbel li dik li ghandu fil-pussess tieghu m'hijiex l-unika bieba li kienet affetwata bil-qsim. Jghid li dak li rrizulta huma dawk li jissejjhu *hairline cracks* li jkunu hoxnin daqs xaghra u huma ghalhekk minimi.

Muri r-ritratti in atti u mistoqsi jekk dak li jidher iqisux minimu jghid li ritratt jittiehed mil-qrib b'dan li allura jaghmel ghageb ta' dak tassew fil-post. Jaqbel izda li dak li jidher fir-ritratti huwa dan il-qsim.

[37] Traskrizzjoni a fol 161 sa 163.
[38] Traskrizzjoni a fol 163 sa 171.

Jghid li huwa dan il-qsim imlieh bi *stain* parigg dak li uza sabiex zebagh il-kumplament.

Jaqbel li bhala qsim hemm aktar minn wahda. Izid li dan il-qsim irrizulta fil-maggoranza tal-bibien. Jaqbel li l-qsim hareg ukoll fis-saqajn tal-mejda tal-ikel izda mhux fi-wicc ghax il-wicc mhuwiex *solid* u l-qsim hareg kull fejn hu *solid*.

Jaqbel li wara xi xahrejn li rritorna l-bieba li issa tinsab ghandu l-attur infurmah li l-qsim reggha hareg. Jghid li jista jkun li t-tieni darba l-bieba mar fuq il-post jaqlaghha huwa stess.

Mistoqsi ghalfejn qalaghha jekk jghid li din baqghet *tale e quale* wara t-tieni darba li zebaghha jghid li l-attur gieghlu jaqlaghha. Jghid li huwa din it-tieni darba qsim ma' rax.

Jaqbel li minkejja li hu ma' ra' ebda qsim fil-bieba li kien zebagh ghat-tieni darba, huwa xorta qalaghha u hadha ghand is-supplitur tieghu Alex Mercieca ta' *PM Hobby*.

Mistoqsi jekk meta mar sabiex jara l-bieba li kien zebagh ghat-tieni darba l-atturi lmentawx ukoll li l-kulur bejn din il-bieba u l-kumplement tal-kcina ma' kienx jaqbel jghid li jista jkun li ma' kienx jaqbel 100%.

**Xehed ulterjorment** permezz ta' affidavit.[39] Jiddikjara li huwa ilu jahdem bhala mastrudaxxa madwar 20 sena.

Jghid li l-atturi qabduh jaghmlilhom kcina u wara dan kamra tas-sodda kif ukoll xi *vanities*.

Jghid li dwar il-kcina huwa mar fuq il-post biex jiehu l-qisien meta l-post kien gahdu gebel u saqaf u minghajr aperturi. Jghid li fil-fatt kien anke indikalhom fejn kellhom isiru l-*points* tal-elettriku. Izid li l-post kien gdid mhux wiehed li kien qed jigi rinnovat.

Jghid li meta mar iwahhal l-qafas tal-kcina l-isqfa tad-dar tal-atturi kien ghadhom qed jinksew. Jghid li l-aperturi kienu ghadhom kemm twahhlu jew kien ghadhom qed jitwahhlu.

[39] Affidavit a fol 215 sa 218.

Jghid li huwa beda jinstalla l-kcina tal-atturi fil-bidu ta' April, 2017 bl-installar kien komplut sal-15 ta' April, 2017.

Jiddikjara li l-injam li utilizza fil-kcina tal-atturi kien xtrah minghand *Pace and Mercieca* u kien *American Oak* li kien *kiln dried*.

Jghid li l-kcina hadimha kif soltu, skond is-sengha. Izid li bhala lostru utilizza *wenge sirca wood stain* u mbaghad vernic *acrylic*. Jghid li dan huwa l-lostru li jintuza llum il-gurnata u hu ilu juzah dawn l-ahhar 10 snin minghajr problemi.

Jghid li l-atturi kienu sodisfatti bil-kcina tant li hallsuh l-ammont mitlub minnu fil-valur ta' €8,775. Jghid li wara dan huwa beda jahdmilhom il-kamra tas-sodda u l-*vanities*.

Jiddikjara li fl-24 ta' Lulju, 2017 l-attrici bghatitlu xi ritratti tal-bibien tal-kcina u qaltlu li dawn kienu ffurmaw xi qsim. Jghid li huwa qatt ma' kien ra xi haga hekk u ghalhekk mar jara fuq il-post.

Jghid li fil-post huwa kkonstata xi qsim u ghalhekk kellem lis-supplitur tieghu *Pace and Mercieca*. Jghid li s-supplitur qallu li l-injam ghamel moviment minhabba l-umdita' fil-post.

Jghid li huwa kellem lill-atturi u qablu li jistennew sabiex il-kcina toqod. Jghid li sadanittant huwa kompla bix-xoghol l-iehor ghall-atturi.

Jiddikjara li umdita' fil-post tal-atturi kien hemm zgur.

Jghid li l-injam taht l-*island* tal-kcina tal-atturi tant simen li refghha l-irhama ta' fuqu. Izid li fil-fatt kellu jmur jixkatla minn dan sabiex l-irhama terga tidhol fejn kienet.

Jghid li jaf li f'xi zmien il-post tal-atturi reggha gie mbajjad.

Jghid li fit-18 ta' Novembru, 2017 l-attrici hallset ammont akkont tal-kamra tas-sodda u l-*vanities* u qaltlu li l-kumplament thallsu wara l-festi tal-Milied.

Jiddikjara li ghaddew xi xhur ohra u iltaqa' mal-attur li qallu li l-kcina kienet waqghet. Jghid li hawn ha qata' tant li baqa' sejjer ghandu dak il-hin stess. Jghid li fid-dar tal-atturi sab il-kcina kif kien raghha l-ahhar izda l-attrici semmietlu l-qsim. Izid li kif kien hemm qal lill-attur sabiex jiehu bieba mieghu halli jerga jizboghha u jaraw kif tigi. Jghid li fil-fatt qala' bieba u hadha.

Jghid li dakinhar stess li ha l-bieba l-attur qallu li rid li ssir karta bl-avukat li jekk jerggha jifforma l-qsim huwa jerga jirrangah. Izid li huwa ha l-izbriga li din il-karta jiehu hsiebha hu.

Jghid li meta l-attur mar jigbor il-bieba huwa wrieh din il-karta u l-attur hadha mieghu sabiex juriha lill-avukat tieghu.

Jghid li dan kien f'Ottubru, 2018.

Jghid li xi zmien wara reggha cempillu l-attur u qallu li l-bieba li kien irrangalu regghu feggew il-qsim fiha. Jghid li hu reggha mar ghand l-atturi izda qsim f'din il-bieba ma' rax. Izid li talab lill-attur sabiex jerga jiehu l-bieba biex juriha lis-supplitur tieghu.

Jiddikjara li f'Dicembru, 2018 is-supplitur tieghu mar ghand l-atturi sabiex jara l-kcina u dan qal lill-atturi jhallu lilu – lill-konvenut – jirrangalhom billi jerga jizboh il-bibien. Jghid li hawn l-attur beda jinsisti li l-kcina kellha tinbidel u ssir mil-gdid. Jghid li fil-fatt l-attur talab lis-supplitur jipprovdi l-injam b'xejn sabiex hu – il-konvenut – jerga jahdem il-kcina bla hlas. Jghid li s-supplitur irrifjuta din il-proposta.

Jghid li l-attur imbaghad ghamel proposta ohra ossia; li huwa – l-attur - jixtri l-injam, is-supplitur ihallas tal-manufatturazzjoni ta' kcina gdida, mentri hu – il-konvenut – ibghati l-i*spray*. Jghid li hu dan m'accettahx ghax kien cert li s-supplitur mhux ser jaccetta.

Jghid li huwa ma' l-attur dejjem baqa' li kien dispost jerga jizbogh il-bibien ghax hekk kienu jsolvu l-problema tant li l-bieba li zebagh it-tieni darba baqghet tajba.

Jiddikjara li s-supplitur tieghu qabdu ma' Michael Formosa li wasal ukoll ghal-konkluzjoni li l-qsim li zviluppa fil-bieba tal-kcina kien rizultat ta'

umdita' eccessiva. Jghid li Formosa ma' sab ebda difett la fl-injam u anqas fix-xoghol manwali tieghu.

Jghid li sadanittant huwa kien baqalu jigbor bilanc fuq il-kamra tas-sodda u l-*vanities* minghand l-atturi. Jghid li l-atturi ma' ressqu ebda lment dwar dawn. Izid izda li l-atturi ghamluha cara li dan il-bilanc ma' kienux ser isaldawh qabel tigi risolta l-kwisjtoni tal-kcina. Jghid li l-attur rid ukoll izomm €500 ohra wara dan, ghall-inkonvenjent soffert minnhom.

Jiddikjara li huwa dan ma' kienx dispost jaccettah ghax sa dakinhar kien diga kellu r-rapport ta' Michael Formosa f'idejh.

Jghid li hu baqa' izda dispost li jaghlaq il-kwistjoni billi jerga jizbogh il-bibien tal-kcina u dan minkejja li ma' kien hemm ebda difett fil-mod kif hu kien hadem.

Jghid li l-kcina dejjem baqghet ghand l-atturi li baqghu jaghmlu uzu minnha. Izid li minkejja dan l-atturi qed jippretendu r-rifuzjoni shiha tal-valur kollu tal-kcina u li fl-istess waqt izommu l-kcina.

**L-Inginier Renzo Curmi**, inginier *ex parte* tal-atturi, xehed[40] li huwa hejja r-rapport *ex parte* ezebit fl-atti tal-process.[41]

Jghid li huwa gradwa bhala inginier fl-1992 u ilu 23 sena joffri servizz ta' konsulenza l-iktar dwar binjiet.

Jghid li l-attur avvicinah sbiex ihejji r-rapport in atti peress li kellu problema bi kcina fil-proprjeta' tieghu u l-mastrudaxxa li hadimha kien qed jghid li din zviluppat kagun ta' umdita' eccessiva.

Jghid li hu ghamel zewg tipi ta' testijiet: wiehed b'*thermal imagining camera – infrared* – u iehor b'*data logger*.

Jghid li mit-test bit-*thermal imaging camera* rrizulta li ma' kienx hemm umdita' eccessiva fil-kcina, u dan kemm mal-hitna, mal-art, u anke mal-

[40] Traskrizzjoni a fol 113 sa 118.
[41] Rapport f'envelop ta' lewn kannella a fol 110.

ghamara nfisha. Izid li dan huwa test kwalitattiv li ma' jiehux kejl kwantitattiv ta' umdita'.

Jghid li t-test maghmul bid-*data logger* huwa mbaghad kwantitattiv u jaghti qari tal-umdita'.

Jghid li bhala *data loggers* installaw wiehed fil-kcina tal-atturi u iehor fuq barra, fil-bitha taghhom li tigi wara l-istess kcina.

Izid li mid-*data loggers* irrizulta li kien hemm diversi okkazzjonijiet fejn il-livell ta' umdita' barra kien ghola minn dak gewwa u kien hemm okkazzjonijiet fejn is-sitwazzjoni kienet bil-kontra.

Jghid li pero', l-umdita' fil-kcina kienet dejjem aktar stabbli minn dik barra.

Jghid li l-konkluzjoni tar-rapport tieghu hija li fil-post tal-atturi m'hemmx umdita' eccessiva anzi, il-livell massimu li nqara fuq barra qatt ma' ntlahaq fuq gewwa.

Jghid li ghalhekk huwa ma' sab xejn fil-proprjeta' tal-atturi li tista titqies bhala li kkagunat il-hsara riskontrata fil-kcina taghhom.

**In kontro-ezami**, xehed[42] li jaqbel li huwa ghamel it-testijiet tieghu bejn it-8 ta' Frar u l-15 ta' Frar b'dan li qiesu ha ritratt ta' dik il-gimgha.

Mistoqsi jekk allura jistax jghid x'kienet is-sitwazzjoni bejn meta tlesta l-bini sat-8 ta' Frar jghid li b'mod kwantitattiv ma' jistax jghid izda b'mod kwalitattiv jista' jghid li umdita' ma' kienx hemm ghax kieku kien hemm u nixfet xorta kien jara sinjali.

Izid li l-post huwa gdid u anqas hemm sinjali ta' moffa jew zebgha li nqalghat anzi, kollox jidher tajjeb.

Mistoqsi jaqbilx li post li ghadu jinbena jkollu livell ta' umdita' li maz-zmien jonqos jghid li jista jkun pero' m'ghandu ebda figuri li jippruvaw dan.

[42] Traskrizzjoni a fol 118 sa 125.

Jaqbel li l-konkluzjoni tar-rapport tieghu hija biss li l-umdita' fis-sit in mertu hija fil-parametri regolari izda huwa m'ghamilx test dwar kif igib ruhu l-injam tal-ballut f'tali realta.

Jghid li livell medju ta' umdita' f'Malta huwa ta' cirka 85% izda taf anke titla 100% b'dan li ovvjament, livell ta' 100% ma' jitqiesx normali.

Izid li b'livell ta' umdita' ta' 85% ma' jkunx hemm tracci jidhru.

Jghid illi kieku xi darba kien hemm umdita' abnormali izda t-tracci li din halliet ikunu tnaddfu, lilhom ma' jirrizultalhom xejn.

Jghid li jista' jkun hemm kazijiet fejn gebla tkun ixxarbet xi darba imbaghad nixfet f'liema kaz it-testijiet taghhom ma' jaqbdu xejn. Izid izda li f'dak il-kaz, sakemm ma' jkunx reggha nzebah kollox, jibqa' tracci tal-umdita' tal-passat u dan fil-forma ta' moffa jew zebgha mibzuqa minn mal-hitan.

Jghid li fil-fond tal-atturi huwa ma' ra' ebda sinjali ta' umdita' u anqas sinjali li xi dabra kien hemm umdita', dment li ma' nzebahx kollox.

**Charles sive Charlie Portelli**, xehed permezz ta' affidavit.[43] Jiddikjara li huwa kien installa l-aperturi tal-aluminju fid-dar tal-atturi u dan ix-xoghol sehh qabel ma' giet installata l-kcina tal-atturi.

**Marvic Xerri**, xehed permezz ta' affidavit.[44] Jiddikjara li huwa jaghmel xoghol tal-irham mad-ditta *CMX Marbles*.

Jghid li fl-2017 tqabbad mill-atturi sabiex ipoggi wicc tal-irham fuq kcina kif ukoll *island*. Izid li dan ix-xoghol sar f'April, 2017 u l-atturi kienu kuntenti bih.

Jiddikjara li xi xhur wara, l-atturi baghtu ghalih stante li l-irham intrefa. Jghid li mar id-dar ghandhom u sab li dan kien minnu. Izid li ghalhekk ftihem mall-atturi sabiex imur lura ftit jiem wara u jghaqla l-irham sabiex jara x'qed jigri.

[43] Affidavit a fol 130.
[44] Affidavit a fol 160.

Jghid li meta mar u qala' innota li l-irhama ma' riditx terga tidhol postha. Izid li ghalhekk qal lill-atturi jsejhu ghal-mastrudaxxa halli jara x'seta jaghmel hu. Jghid li ftit jiem wara dan l-atturi nfurmawh li l-mastrudaxxa taghhom kien xkattla parti mill-injam b'dan li huwa setgha jmur jerga jpoggi l-irhama.

Jiddikjara li ftit granet ilu reggha kien ghand l-atturi fuq bicca xoghol ohra u ra li l-irhama regghet intrefet.

**Michael Formosa**, lettur fil-Kullegg tal-Arti, Xjenza u Teknologija ta' Malta – *MCAST* – xehed[45] li huwa ilu mindu kellu 14-il sena jistudja fuq l-injam u ghadu jistudja s'issa. Izid li l-ispecjalizzazzjoni tieghu hija dwar restawr ta' pitturi fuq l-injam. Jghid li llum huwa ghandu laboratorju fejn jaghmel xoghol ta' analizi tal-injam. Izid ukoll li huwa qieghed fuq il-lista tal-esperti tal-Qorti dwar l-injam.

Jghid li dwar il-kaz in mertu cempillu Alex Mercieca, supplitur tal-injam, dwar kcina. Izid li huwa mar ghalhekk ghand l-istess Mercieca fejn gie muri bieba ta' kcina.

Jghid li huwa xtaq jara l-kcina kollha izda gie nfurmat li s-sidien ma' tawx permess. Jghid li ghalhekk huwa ezamina l-bieba.

Jipprezenta rapport li hejja dwar l-istudju li ghamel fuq il-bieba.[46] Jikkonferma l-istess u l-konkluzjonijiet milhuqa fih.

Jghid li meta hu ra l-bieba l-ewwel darba din kienet diga regghat giet trattata. Izid li d-dettalji tal-qsim fil-lostru kien ghalhekk raghhom fuq ir-ritratti.

[45] Traskrizzjoni a fol 172 sa 180.

[46] Rapport f'envelop ta' lewn kannella a fol 183. F'dan l-istess, ix-xhud jghid li l-bieba tal-kcina li ra kienet mahduma bl-injam tal-ballut mastizz. Jiddeskrivi kif inhadmu l-mincotti ghal-*frame* u twahlet il-pannella fl-istess. Jghid ukoll li l-bieba lesta giet irfinita b'vernic ta' lewn *wenge*. Jghid li l-kcina giet installata f'April, 2017 u wara ftit xhur gew innutati xi difetti bil-bibien espandew u ma' bdewx jghalqu u jifthu kif imiss u gie wkoll innutat xi qsim. Jghid li wicc ta' mejda u kisja ta' travu fl-istess ambjenti ma' wrewx sinjali bhal bibien tal-kcina. Jghid li mill-osservazzjonijiet tieghu kien hemm moviment normali fl-injam tal-bieba li ra u dan b'rizultat ta' umdu'. Jghid li dan jista jkun ghaliex il-binja hija gdida bil-gebel, kisi, torba tal-madum ecc ghadhom umdi ghax ghadhom ma' nixfux sew. Jikkonkludi li l-injam uzat kien ta' kwalita' tajba bil-problemi anqas jidhru li sehhew minhabba l-uzu ta' vernic mhux tajjeb ghaliex kieku hekk kienu jirrizultaw problemi wkoll f'injam iehor li mhux *solid* u li gie trattat bl-istess mod. Jikkonkludi wkoll li l-hsara riskontrata hija certament rizultat ta' livelli ta' umdita' eccessivi liema livelli eccessivi jistaw ikunu ntlahhqu ghal diversi r-ragunijiet. Inissel possibbli ragunijiet ghal tali livelli ta' umdita'.

Jghid li huwa studja ghalhekk il-fizika tal-injam li huwa ballut, ra l-mincotti, staqsa x'tip ta' kollha ntuzat, imbaghad ezamina mil-qrib anke b'lenti.

Jghid li mill-istudju tieghu ma' rrizulta xejn abnormali fl-injam tal-bieba.

Jghid li l-injam ma' jespandix bhal metal izda jespandi fi tlett direzzjonijiet differenti: direzzjoni wieqfa, li tirrizulta f'kaz ta' livell ta' umdita' negligibbli, u direzzjonijiet *radial* u *tangential,* li jirrizultaw skond kif tkun inqatghet l-injama.

Jghid li mil-bieba in mertu rrizulta car li din kienet simnet b'dan mhuwiex difett izda huwa rizultat tal-kostruzzjoni.

Jghid li injam jismen jew meta jixxarrab – li hawn ma' kienx il-kaz ghax kieku kien jara sinjali, jew meta jkun hemm livelli gholja ta' umdita'.

Jghid li huwa juza sistema teknologika li taqra minn xiex ghaddha l-injam u hawn sab li sabiex irrizulta ic-caqliq li gie deskritt lilu kellu bilfors ikun hemm livell ta' umdita' ta' 17 sa 18% iktar gholi bil-medju ta' 60%.

Jghid li moviment ikun hemm kull meta l-injam jiccaqlaq minn post ghall-iehor mhux ghax l-injam huwa haj izda ghax huwa *hygroscopic* li jfisser li jadegwa ruhu ghal fejn ikun jinsab. Izid li ghalhekk, fejn ihoss umdita' gholja, ha jespandi u fejn isib umdita' baxxa ser jickin.

Jghid li fil-fhema tieghu, dwar il-bieba in mertu, il-qsim irrizulta peress li l-injam espanda.

Jghid li normalment fiz-zebgha tal-injam jintuza *plasticiser* sabiex fejn l-injam jaghmel kambjament dan il-*plasticiser* jassorbi il-moviment.

Jghid li fl-opinjoni tieghu l-bieba li ra simnet b'mod mhux normali. Jghid li dan jikkonkludih anke peress li, kif gie spjegat lilu, fejn fl-istess ambjent kien hemm wicc ta' mejda mhux *solid* dan m'ghamilx kambjament. Izid li dan ghaliex injam mhux *solid* moviment minimu hafna ser jaghmel.

Jghid li dan huwa wiehed mill-izvantaggi tal-injam *solid*.

Jghid li l-materjal u xoghol fuq il-bieba li ra huma normali, bl-injam huwa normali u *kiln-dried* b'mod tajjeb sabiex minnu ssir kcina, il-kolla li ntuzat hija tajba tant li l-mincotti ma' cedewx, u l-kostruzzjoni tal-bieba kienet tajba hafna.

Jghid li f'post fejn ikunu saru xogholijiet recenti ta' ilma, madum, jew zebgha jista jkun li jkun hemm livell gholi ta' umdita' li jaffetwa l-espansjoni tal-injam aghar.

Jghid li moviment fl-injam ma' tistax tevitah. Jghid li l-idejali kieku jkun li l-injam jigi stivat fejn tkun ser titpogga l-ghamara mahduma minnu sabiex jidhra l-ambjent hemm qabel tinhadem l-ghamara. Izid li dan ikun process ta' snin twal li mhux fattibbli.

**In kontro-ezami**, xehed[47] li qsim bhal dak li rrizulta fuq il-bieba li ra huwa qatt ma' kien ra qabel.

Jghid li dak li jirrizulta bhala qsim abjad fil-fatt huwa fejn ikun falla l-vernic. Izid li vernic ghandu *reflective index* u ghalhekk jidher ileqq izda fejn imbaghad ifalli u jinqasam dan jibjad.

**In kontro-ezami ulterjuri**, xehed[48] li huwa hadem ta' mastrudaxxa mindu kellu 14-il sena b'dan li llum jaghmel xoghol ta' konsultazzjoni, restawr, kif ukoll ghandu laboratorju fejn jaghmel analizi fuq l-injam.

Jaqbel li huwa fid-dar tal-atturi ma' marx. Izid li l-bieba li ezamina hu gabarha hu stess mill-ufficcji ta' *Pace and Mercieca*, ta' Alex Mercieca.

Jaqbel li njama esposta ghall-umdita' tespandi.

Jghid li t-tip ta' moviment li ezamina hu kien ifisser li fil-post kien hemm umdita' gholja tant li ma' kienx abitabbli.

Jghid li l-ballut jirreaggixxi hafna ghal-klima.

Jghid li huwa ra rapporti ohra li saru u ma' jaqbilx li dak li jirrizulta huwa xpakk tal-injam.

---

[47] Traskrizzjoni a fol 180 sa 182.
[48] Traskrizzjoni a fol 393 sa 397.

Jaqbel li fir-rapport tieghu u nissel lista ta' kawzi li possibilment waslu ghal-hsara riskontrata, mhux kawza definittiva. Jghid li dan stante li hu ma' marx fil-post sabiex jara b'ghanjeh. Izid li anqas kieku mar ghaliex il-problema kienet sehhet xhur qabel.

**Alex Mercieca**, sid is-socjeta' *Pace and Mercieca* li timporta l-injam, xehed[49] li huwa ilu fl-industrija tal-injam 'il fuq minn 40 sena.

Muri l-ircevuta annessa mar-rapport tax-xhud Michael Formosa jghid li dik inharget lill-konvenut Michael Gatt wara akkwist ta' lot injam *American Oak* imnixxef. Jispjega li l-ittri "kd" wara l-isem tal-prodott jiddenotaw li dan huwa *kiln dried*.

Jghid li l-konvenut Michael huwa klijent tieghu li qallu li kien hemm problema mall-atturi. Jghid li ghalhekk qabel li jmur ghand l-atturi sabiex jara b'ghajnejh dak li kienu qed jilmentaw minnu.

Jghid li huwa mar id-dar tal-attur lejn Dicembru, 2018. Jghid li fil-post huwa kull ma' ra' kien qisha hajta bajda fil-lostru. Izid li ra wkoll li l-bibien kienu jhokku. Izid li dan huwa sinjal li l-injam ikun simen.

Jghid li huwa qal lill-atturi li dak kien bilfors ifisser li hemm hafna umdu.

Jghid li ladarba l-injam kien *kiln dried* u simen dan ghax hass l-umdu. Jghid li kieku ma' kienx nixef mhux jismen kien imma joghlob.

Jghid li bhala kwalita' l-injam kien perfett. Izid li dan simen b'rizultat tal-umdita' gholja li hemm fil-post.

Jghid li wara li mar fil-post tal-atturi huwa ta' parir lill-konvenut sabiex isib espert fil-kamp u ghalhekk qabbdu ma' Michael Formosa.

Mistoqsi mil-Qorti jekk hemmx rata ta' espansjoni tal-injam li hija accettabli u kull ma' jmur oltre din mhuwiex jghid li kull tip ta' injam jismen b'mod differenti.

---

[49] Traskrizzjoni a fol 184 sa 189.

**In kontro-ezami**, xehed[50] li r-ritratti tal-qsim in atti huma amplifikati b'dan li jekk tkun fuq il-post il-qsim mhux ser ikun tant evidenti.

Jaqbel li qsim jista jkun li kien hemm f'diversi bibien tal-kcina mhux f'bieba wahda.

Jghid li l-post tal-atturi huwa gdid fjamant.

Jghid li ma' jiftakarx jekk il-post kienx kompletament lest jew kienx jonqos xi jsir fih meta dahal fih hu.

Jaqbel li tracci ta' umdita' bhal swidija mal-hitan ma' rax.

Jghid li skontu wahda mill-problemi hija li dan il-post huwa *fully detached* b'dan li allura kull hajt estranju tieghu huwa espost ghall-elementi u allura hemm possibilta' gholja ta' umdita' li tippenetra l-gebla Maltija.

Jghid li qsim bhal dak riskontrat fil-kcina tal-atturi qatt ma' ra fil'fuq minn 40 sena esperjenza.

Jghid li skontu l-qsim huwa mill-lostru li ntuza li huwa *acrylic*. Jghid li huwa staqsa persuni ohra dwar dan it-tip ta' lostru u qalulu li dan jista jkun suggett ghal-qsim kif irrizulta fil-kcina tal-atturi.

Jghid li lostru modern huwa mahdum b'sistema li jhalli l-injam jaghmel moviment.

**In kontro-ezami ulterjuri**, xehed[51] li l-ballut kollu jkun *kiln dried* u jinqasam bejn prima u sekonda klassi.

Jaqbel li njama tkun imnixxfa sabiex jitnaqqas il-livell ta' *moisture* fiha. Jaqbel ukoll li minkejja dan xorta jibqa' persentagg ta' *moisture* li mhux ivarja skond it-tip ta' injam izda jirrizulta skond kif ikun kontrollat forn partikolari.

Jghid li darba l-injam jasal Malta dan jibda jassorbi l-umdu' ghax Malta umduza. Izid li dan sa mindu jkun fil-garaxxijiet u tul il-process kollu.

---

[50] Traskrizzjoni a fol 189 sa 197.
[51] Traskrizzjoni a fol 379 sa 392.

Mistoqsi dwar qtugh ta' ilma jghid li dan mhux ilma li jkun fl-injam izda bhal vina li x'hin injama tisforzaha tinkiser. Jghid li huwa dan fil-ballut qatt ma' rah izda rah fil-*walnut* u l-oroko.

Jghid li qtugh tal-ilma hija xi haga naturali fl-injam li tirrizulta mis-sigra. Jghid li dan jista jkun, per ezempju, rizultat ta' sigra li ntlaqtghet b'sajjetta.

Jghid li qtugh tal-ilma ma' jirirzultax mit-tnixxif tal-injam izda jkun jezisti qabel, fis-sigra hi u tikber.

Jghid li qtugh tal-ilma tista ma' tarahx f'tavla kbira pero ser tarah meta ccekkinha u jekk tuzu dak l-injam jinkiser. Izid li qtugh tal-ilma tarah b'ghajnejk. Jghid li normalment dan ikun kontra l-vina tal-injama.

Muri r-ritratti a fol 279 u 280 tal-process, parti mir-rapport ta' l-espert *ex parte* Raymond Bajada, jghid li dawn juru fallakka tal-ballut. Izid li juru wkoll li fiha hemm xpakkatura. Jghid li ma' jafx jekk din hijiex qtugh tal-ilma. Jghid li ghalih dik xpakkatura mhux qtugh tal-ilma.

Jghid li mhux kull xpakkatura hija qtugh tal-ilma. Jghid li dik li qed jara f'dawn ir-ritratti hu ma' jsejhiliex qtugh tal-ilma. Jghid li difett kif jidher f'dawn ir-ritratti normalment ikun f'ras il-fallakka u ma' jafx jekk ir-ritratti jurux parti maqtugha.

Jghid li xpakkatura kif qed jara fir-ritratti jista jaghti l-kaz li saret ghax il-fallakka tnixfet bl-arja – *air dry* – mhux *kiln dry*. Jghid li normalment xpakkatura hekk tirrizulta f'ras it-tavla izda tista tigri f'nofsha.

Mistoqsi jekk jistax ikun li difett hekk jirrizulta f'xi twavel mixtrija f'*bundle* li tkun prima jghid li *bundle* prim jigi spezzjonat tavla, tavla izda tista tiskappa tavla. Izid ukoll li anke f'*bundle* prim hemm persentagg li jista' jkollu xi difett.

Jghid li difetti gieli ra anke fil-ballut. Jaqbel li bniedem tal-mestjier jekk jara tavla ser jinduna b'difett hekk ghax jidher anke fuq l-ghajn.

Jghid li meta huwa mar jara l-kcina tal-atturi jaf li telghu tarag. Jaqbel li d-dar kienet gdida fjamanta, ghadha tinbena, u fuq il-gebla. Izid li kienu ghadhom ghaddejjin bil-*finishes*.

Mistoqsi kif jikkonkludi li kien ghadhom ghaddejjin bil-*finishes* jghid li dik l-impressjoni li ha ghalkemm ma' ghadtx idur fil-kmamar izda dahal biss fil-kcina.

Jghid li l-kcina kienet lesta u f'postha.

Jaqbel li fil-post ma' rax tracci ta' umdita' bhal moffa.

Jaqbel li njama li titpogga f'ambjent umduz ser tespandi.

Mistoqsi jaqbilx allura illi kieku kien hemm l-umdita' l-injama kienet tespandi mhux tixpakka jghid li milli ra hu mhux qsim kien hemm izda espansjoni minhabba l-umdu li faqqet il-lostru uzat mil-mastrdaxxa li peress li kien *acrylic* fegg l-abjad fix-xfur fejn faqqa.

Muri r-ritratti nkluzi fir-rapport tal-perit *ex parte* Raymond Bajada a fol 283 sa 286 tal-process u mistoqsi jurux qsim jghid li dak jista jkun por daqxejn fond, mhux ezatt xpakk.

**Raymond Bajada**, mastrudaxxa, xehed bhala perit *ex parte* ghall-atturi.[52] Xehed li huwa ilu mastrudaxxa ghomru kollu. Jghid li l-attur talbu jhejji rapport fuq kcina tieghu u ta' martu.

Jghid li l-kostatazzjoni tieghu hi li hemm difett fl-injama li fis-sengha jsejhulu qtugh tal-ilma.

Jghid li dan mhux difett fil-manifattura tal-kcina imma fl-injama li ntuzat. Izid li dan id-difett jinholoq mis-sigra ghax din ma' jkollix ilma bizzejjed hi u tikber u allura, meta l-injam taghha jiddahhal fil-fran sabiex jitnixxef, ikun hemm qtugh.

Juri bicca ballut li ghandha fiha qtugh tal-ilma.

Jghid li jekk bniedem jgharaf l-irjus tal-injama ser jara qtugh, bhal xpakkatura. Jghid li mastrudaxxa huwa u jaqta' jew jincana jinduna bihom dawn.

[52] Traskrizzjoni a fol 256 sa 263.

Jghid li l-ballut jigi bhala prim jew *come-select* – bhal *second* – izda din tal-qtugh mhix kwistjoni ta' hekk. Izid li s-*second* huwa *second* ghax ikun mibrum jew ikollu hafna ingroppi.

Jghid li qtugh ma' jindunawx bih fejn qed jinqata' u jitpogga f'*bundles* l-injam izda mill-mastrudaxxa huwa u jahdem.

Jghid li mastrudaxxa li qed jahdem u jara dan il-qtugh ghandu jwarrab dik il-fallakka.

Jghid hawn minn qtugh hekk jistukkjah u jibqa' ghaddej.

Jghid li fil-kaz tal-kcina tal-atturi, peress li din skura, meta l-injam ghamel moviment il-qtugh hareg jidher hafna u dan peress li faqqa' il-lostru.

Jghid li l-moviment tal-injam isehh bilfors. Izid li l-ballut huwa njam xott hafna u b'sahhtu allura ftit jaghmel moviment. Jghid izda li l-qtugh huwa difett jezisti minn qabel tinhadem l-injama f'ghamara, waqt li tkun tikber is-sigra.

Dwar l-umdita' jghid li Malta u Ghawdex kollha jbaghtu bl-umdita' izda umdita' eccessiva m'hemmx ghand l-atturi ghax kieku l-bieba tal-kcina l-ewwel ma' kienet iccedi kien ikun mil-mincotti ghax minn hemm huwa maqud l-injam u hemm kieku l-ewwel ma' jitlaq. Izid li f'dan il-kaz il-mincotti baqghu sewwa.

Jghid li fil-kaz tal-kcina tal-atturi zgur li mhijiex kwistjoni ta' umdita' izda hija kwistjoni ta' injama li kienet difettuza mil-bidu u baqghet tinhadem minflok giet skartata.

Izid li dan id-difett jidher aktar peress li l-kcina tal-atturi inghatat il-lostru skur ghax kieku, ghalkemm xorta jkun qieghed hemm, ikun jidher inqas.

Jezebixxi rapport imhejji minnu li jikkonferma l-istess bil-gurament.[53]

[53] Rapport a fol 266 sa 288. F'dan l-istess, ix-xhud, wara li jaghti ntroduzzjoni tieghu, jghid li fl-2020 avvicinawh l-atturi dwar hsarat li zviluppaw fi kcina taghhom. Jghid li huwa mar ghand l-atturi u ezamina l-kcina in mertu. Izid li wara l-ispezzjoni li ghamel tal-kcina jikkonkludi li l-kcina u l-mejda tal-ikel ghandhom difetti li jidhru mad-daqqa t'ghajn. Izid li dawn id-difetti huma rizultat ta' materjal hazin stante li l-ballut li gie utlizzat ibati minn dak li fil-mestjier jissejjah qtugh tal-ilma bid-difetti

**In kontro-ezami**, xehed[54] li minkejja il-qasma kbira li tidher fl-injama li wera huwa, qtugh tal-ilma mhux necessarjament ihalli qasma tant kbira izda jista jhalli qsim izghar li ma' jkunx facli li wiehed jarah jew anke jistokjah.

Jghid li fil-kaz tal-kcina tal-atturi huwa ma' setghax jikkonstata kienx hemm qtugh li gie stokjat, kemm hemm stokjar, jew sarx stokjar, u dan ghax il-kcina giet *stained* bil-lostru.

Mistoqsi jistax ikun li ebda qtugh ma' deher waqt ix-xoghol tal-mastrudaxxa u dan irrizulta wara, jghid li huwa mpossibbli li tahdem kcina shiha, dak il-mastizz kollu, u ma' tiltaqa' ma' xejn waqt li qed taqta u tixkatla. Jispjega kif waqt l-ixkattlar il-qtugh jinhass bhal *steppjatura*.

**In kontro-ezami ulterjuri**, xehed[55] li huwa jixhed dwar injam mill-esperjenza li ghandu, mhux ghax ottjena xi kwalifici.

Muri ritratti annessi mar-rapport tieghu a fol 279, 280, u 281 tal-process, jixhed li dawk juru qtugh tal-ilma. Izid li l-fatt li l-ixpakkaturi jidhru fl-irjus tal-fallakka jfisser li fallakka hekk kellha titwarrab. Izid li fallakka trid titnaddaf.

Suggerit lilu li dak li juru dawk ir-ritratti fil-fatt mhuwiex qtugh tal-ilma izda xpakkatura jghid li qtugh tal-ilma huwa tip ta' xpakkatura wkoll.

Mistoqsi jekk normalment l-irjus tal-fallakki jinzebghux kulur sabiex jevitaw proprju dawn l-ixpakkaturi stante li l-irjus huma aktar esposti u allura jinhasdu fil-fran u jixpakkaw jghid li, kull kumpanija li titratta l-

riskontrati fil-kcina huma rizultat ta' dan. Izid li l-fatt li l-injam mixtri kien deskritt bhala ta' kwalita' prima ma' jfissirx li jkun hieles minn dan id-difett. Izid ukoll li tali difett ma' jirrizultax ghajr qabel ikun qed jahdem l-injam il-mastrudaxxa. Jghid li f'kaz hekk huwa dik l-injama jwarraba. Jghid li haddiehor juzaghha wara li jistokjaghha b'dan li f'kaz hekk dejjem hemm ir-riskju li d-difett xorta johrog. Jghid li fil-kaz tal-kcina tal-atturi huwa konvint li l-mastrudaxxa li hadmilhom ma' ndunax bil-qtugh b'dan li allura zgur li xogholu ma' sarx skond is-sengha u l-arti. Izid li l-alternattiva hi li nduna u prova jraqqa u jqarraq. Izid li pero' jaraha difficli ferm li mastrudaxxa ma' ndunax b'dan id-difett ghaliex dan ghandu jirrizulta kemm waqt it-tfassil kif ukoll waqt l-ixkattlar fejn qtugh ghandu jinhass. Izid li l-arti tal-mestjier trid li fejn mastrudaxxa jara qtugh iwarrab il-fallakka, specjalment jekk din tkun ser tigi llustrata fejn tali difett johrog aktar. Jikkonkludi ghalhekk li l-kcina tal-atturi certament ma' saritx skond is-sengha u l-arti b'dak li hadem il-kcina kien jaf jew messu kien jaf x'kien ser ikun ir-rizultat ahhari. Jghid ukoll li tali difetti m'humiex rizultat ta' xi umdita' izda biss rizultat tal-qtugh tal-ilma li l-mastrudaxxa messu nduna bih. Izid li f'kaz ta' umdita' eccessiva l-ewwel li jfallu huma l-mincotti xi haga li f'dan il-kaz ma' irrizultatx. Izid jghid ukoll li f'dan il-kaz m'hemmx rimedju bl-ixkatlar u l-illustrar mil-gdid tal-partijiet affetwati tal-kcina ghax b'tali ezercizzju l-injama mhux ser tinheles mid-difett intrinsiku taghha. Jikkalkola ghalhekk li sabiex jinhadmu l-kcina u l-mejda tal-ikel mil-gdid, bil-ballut, skond is-sengha u l-arti, u bil-prezzijiet tal-lum din tigi tiswa' madwar €12,000, VAT inkluz. Izid li ghalhekk id-danni riskontrati mill-atturi huma fil-valur ta' €12,000.

[54] Traskrizzjoni a fol 263 sa 265.

[55] Traskrizzjoni a fol 306 sa

injam tisboh l-irjus b'xi kulur. Izid li huwa ma' jistax jghid ghalfejn ezatt isir dan. Jghid izda li f'kull kaz, mastrudaxxa li jara xpakkatura ghandu jevita dik il-fallakka. Izid li dan l-istess bhal meta jara s-susa.

Izid ukoll li z-zebgha fl-irjus issir wara li l-fallakki jinhargu mil-fran, mhux qabel ghax kieku tinharaq. Jghid ukoll li t-temperatura tal-fran ma' tahsadx l-injam ghax din tizdied gradwalment.

Jghid li meta mastrudaxxa jixtri l-injam jixtri *bundle* jew *loose* imma mbaghad ikun hu li jaghzel x'juza, mhux ser jghazillu l-agent.

Jghid li dak li gara fil-kaz tal-atturi mhux rizultat ta xi haga li grat wara izda rizultat ta' kwistjoni li kien hemm fl-injam. Izid li kienet fl-injam meta dan kien jikber bhala sigar jew zviluppat waqt it-tnixxif tal-injam izda kienet hemm x'hin giet f'idejn il-mastrudaxxa u kien ghalih li jinduna biha.

Jghid li zgur mhux forsi li waqt ix-xoghol il-mastrudaxxa li kien qed jaqta' dak l-ammont ta' injam zgur li kellu jinduna.

Jispjega allura li l-problema kienet hemm meta il-kcina kien ghadha njam b'dan li meta nhadmet u nghatat il-lostru imbaghad kien hemm moviment u hargu jidhru l-linji. Izid li l-linji hargu jidhru tant ghax il-kcina hija llustrata skura u allura hemm kuntrast bejn il-lewn naturali tal-injam u l-lostru skur u tant ghax xpakka wkoll il-lostru li allura jigbed aktar l-attenzjoni.

Muri zewg ritratti juru ras ta' zokk ezebiti mill-avukat difensur tal-konvenuti[56] u mistoqsi jekk fil-fatt qtugh tal-ilma mhux kif indika hu izda meta z-zokk tas-sigra jkollu saffi distinti bhal qoxra ta' basla bil-qtugh ikun ghal tul is-sigra kollha u mhux limitat f'xi parti jghid li dan mhux minnu. Izid li r-ritratti juru zokk antik hafna li beda jsewwes u jaqta.

Mistqosi mil-Qorti jekk dak li wera fl-injama li wera lill-Qorti u dak li jidher fiz-zokk fir-ritratti murija lilu issa hux ilkoll qtugh tal-ilma, jghid li le. Izid li dak li wera hu huwa qtugh tal-ilma mentri li jidher fir-ritratti ezebiti mill-avukat difensur tal-konvenuti huwa qtugh ta' zokk li ghaddha ammont ta' zmien minn fuqu.

[56] Ritratti a fol 304 u 305.

Jghid li iz-zewg tipi ta' qtugh huma simili. Izid li mhux jghid li dak li jidher fiz-zokk fir-ritratti tal-avukat difensur tal-konvenuti mhux qtugh izda huwa wera kif qtugh jidher f'injama gdida.

Jghid li qtugh tal-ilma jidher mod fuq injama gdida u mod fuq wahda antika.

Mistoqsi jekk ladarba qal li fejn jinsab qtugh tal-ilma mastrudaxxa jaf juza l-istock sabiex "jghatti d-dnub", huwa sabx xi tracci ta' stock fil-kcina tal-atturi, jghid li l-istock mhux ser ikun f'xi kwantita' percepibbli. Jghid li hawn minn anke juza kolla flok stock li jhalli tinxef imbaghad jixkatla. Izid li ghalhekk fil-massimu jkun hemm linja rqiqa ta' stock li wiehed mhux ser jara partikolarment meta, bhal fil-kaz in ezami, hemm il-lostru li gab kollox kulur wiehed.

Mistoqsi jekk il-lostru jvarjax fil-kulur bejn fejn jinghata fuq l-injam u fejn jinghata fuq l-istock b'dan allura illi li kieku ntuza stock kien jintebah, jghid li le ghax l-istock ikun joqrob il-kulur tal-injama. Izid li oltre dan stock *hairline* ikun hemm mhux cappa.

Mistoqsi jekk fl-ezami tieghu tal-kcina huwa uzax xi apparat jghid li le. Izid li ghajnejk u jdek trid sabiex tara u thoss. Jghid li l-qtugh thossu imqabbez.

B'referenza ghal domanda maghmulha qabel jghid li qtugh tal-ilma jista jkun f'parti biss ta' injama u mhux necessarjament ghal tulha kollu. Jghid li kieku tkun minn fuq s'isfel aktar facli tinduna.

Dwar il-mincotti jghid li fil-kaz tal-kcina tal-atturi ntuza mincott fejn il-paranta u l-kugbiena ghandhom disinn il-wiehed jidhol fl-iehor b'qisu centimetru ta' qbid. Jghid li kieku kien hemm umdita' eccessiva', bil-ballut jixrob kif jixrob, minkejja l-kolla li tkun intuzat fil-mincotti dawn kienu jkunu l-ewwel li jispara. Jghid li dan bhal bniedem bi ftuq li jmur iqandel u l-ewwel ma' jitlaq fejn hemm difett.

Jghid li ghalhekk huwa jeskludi li kien hemm l-umdita'.

Jghid illi kieku kien hemm l-umdita' kif qed jinghad, anke l-lostru kien jittebba. Izid li ebda tbajja ma' irrizultaw fil-kcina tal-atturi.

Mistoqsi jekk kcina li meta giet installata ma' kienx hemm problemi fiha dwar ftuh u gheluq tal-bibien taghha u wara zviluppat tali problemi dan hux kwistjoni ta' umdu' jghid li moviment dejjem ser ikun hemm, anke fic-*chipboard*. Izid li meta jinhadmu l-bibien jithalla spazju sabiex dawn jifthu u jghalqu. Jghid li normali li jkun hemm moviment specjalment f'dawn il-gzejjer li jbghatu bl-umdu'.

Jghid izda li b'umdu' eccessiv il-bibien ihabbatu sew mhux jissakkaw u tibda anke tara l-mincotti jcedu, xi haga li ma' tirrizultax fil-kcina tal-atturi.

Izid illi li kieku kien hemm l-umdita' allegata kienu jirrizultaw ferm aktar qsim stante li l-ballut huwa b'sahhtu u jtajjar.

Dwar l-*island* tal-kcina tal-atturi u l-fatt li l-irhama fuq l-istess intrefet, jghid li huwa ma' jistax jghid ezatt x'gara ghaliex din moghttija bl-irham. Izid izda li aktar jahseb li setgha kien hemm tixrib bil-hasil tal-art li wassal ghall-espansjoni tal-injam u allura l-irfiegh tal-irhama milli umdu'.

**Il-Qorti rat ukoll ir-relazzjoni tal-espert tekniku is-Sur Mario Vella**.[57]

F'din l-istess, l-espert tekniku, mastrudaxxa, jindika li huwa zamm access ghand l-atturi sabiex jispezzjona l-kcina in kwistjoni. Izid li ghall-istess access attendew il-partijiet flimkien mal-avukati difensuri taghhom.

L-espert tekniku jispjega li l-kcina, l-*island*, u l-mejda tal-ikel huma maghmula mill-ballut mastizz mizbugh *wenge*.

Izid li mill-kostatazzjonijiet tieghu jirrizulta li ntuza njam difettuz bil-konsegwenza li hargu xi difetti.

Jghid li l-injam jista' jkun affett min dak li fis-sengha jissejjah "qtugh tal-ilma" u li ghandu jigi evitat biex ma' johorgux problemi fix-xoghol lest.

[57] Relazzjoni a fol 339 sa 343 mahlufa nhar it-3 ta' Ottubru, 2022.

Jghid li minn hadem il-kcina jew ma' ndunax bil-qtugh tal-ilma jew ha r-riskju.

Jghid li oltre dan ikkonstata xi bibien tal-istess kcina li ma' kienux aggustati sewwa u mhumiex dritti kif suppost ikunu.

Dwar il-mincotti jghid li dawn huma mahduma kif suppost tant li ma' irrizultax moviment fihom.

Jghid li fil-fehema tieghu umdita' m'hemmx ghaliex kieku kienu jfallu l-mincotti.

Jikkonkludi ghalhekk li:

1. F'xi partijiet mill-kcina hargu difetti li jipprezentaw ruhhom f'injam solidu meta dan ikun affett minn dak illi jissejjah "qtugh tal-ilma". Izid li dan setgha gie evitat fl-ghazla tal-materjal fl-istadju tal-manifattura;

2. Il-kwistjoni ta' umdita' tista' tigi eliminata bhala kawza tad-difetti misjuba;

3. Xi bibien tal-kcina m'humiex aggustati tajjeb u allura jirrizultaw mhux dritti.

Jinkludi diversi ritratti li ha huwa stess tal-kcina tal-atturi.

**In eskussjoni**, xehed[58] li jaqbel li l-ezami li ghamel huwa kien wiehed vizwali minghajr ma' ha' xi kampjun mieghu sabiex jezaminah mod iehor.

Jaqbel ukoll li waqt l-access kien hemm ukoll prezenti l-espert *ex parte* tal-atturi mentri dak tal-konvenut ma' kienx hemm.

Jghid li qabel hejja r-rapport tieghu huwa ra' l-atti tal-process inkluz ir-rapport tal-espert Michael Formosa.

[58] Traskrizzjoni a fol 349 sa 355.

Jghid li huwa gharaf il-qtugh tal-ilma mill-esperjenza. Jghid li dan jirrizulta fejn ikun hemm xpakkar. Jghid li huwa fejn jara qtugh tal-ilma jelimina dik il-parti tal-fallakka.

Mistoqsi jekk qtugh tal-ilma jirrizultax fl-injam bhal qoxra ta' basla, allura qtugh f'saffi, jghid li dak huwa qtugh tal-ilma izda hemm ukoll xpakkar tal-injam.

Mistoqsi jekk qtugh tal-ilma suppost ikunx elimnat fil-process ta' tnixxif tal-injam jghid li suppost iva. Jghid izda li ma' jafx xi xtara u hadem il-mastrudaxxa f'dan il-kaz.

Dwar l-umdu' jghid li hu ma' jafx il-post tal-atturi kif kien qabel pero' meta mar hu ma' rax sinjali ta' umdu'. Izid li ma' jistax jghid x'kien hemm meta tpoggiet il-kcina xi snin qabel.

Jghid li bil-ballut gieli jigri li l-qtugh tal-ilma jigi evidenti wara b'dan li fejn ikun hemm bzonn jinbidel. Izid li hu lill-konvenut kellmu sabiex forsi jinbidel fejn hemm bzonn.

Jghid li qtugh tal-ilma li jirrizulta aktar tard minhabba l-umdu' mhux ser jitranga jekk jonqos l-umdu'.

Jghid li huwa ra' l-ircevuta ta' meta nxtara l-injam li tghid li dan kien *kiln dried*, allura suppost niexef. Izid li minkejja dan, jekk fl-injam kien hemm l-ixpakkaturi l-mastrudaxxa messu elimina fejn kien hemm l-istess, kif anke jaghmel hu f'xogholu ta' mastrudaxxa. Jghid ukoll li hu ma' jafx kif kienet il-kcina meta giet installata izda ladarba zviluppaw l-ixpakkaturi fl-esperjenza tieghu tal'fuq minn 40 sena mastrudaxxa jew l-injam kien affett mil-qtugh tal-ilma jew kien hemm l-umdita'. Izid izda li huwa ma' ra ebda sinjali ta' umdita'. Izid li huwa milli ra pretenda li kien sejjer f'xi *farmhouse* tenut kont tal-hsara riskontrata.

Jghid li mill-esperjenza tieghu rid ikun hemm umdita' kbira, jekk mhux qtugh tal-ilma, sabiex tirrizulta l-hsara li rrizultat.

Mistoqsi jekk mastrudaxxa li jara xpakkatura jistax jistokkja l-istess qabel jghaddi sabiex jimmanifattura u jizbogh jghid li huwa stock ma' rax. Izid izda li bil-lostru dan kieku jitatta.

Mistoqsi dwar dak li rrelata dwar il-mincotti u jekk hux minnu li thalliet *clearance* ghal moviment mistenni fl-injam u dan kemm fil-mincotti kif ukoll fil-panewijiet jghid li huwa sinjali ta' umdu ma' rax. Izid izda li testijiet ghall-umdu m'ghamilx u x'kienet is-sitwazzjoni meta giet installata l-kcina ma' jafx.

Jaqbel li l-mincotti kienu mahdumin skond is-sengha u l-arti.

Dwar dak li qal li l-bibien ma' kienux dritti jaqbel li dik hija kwistjoni ta' aggustament tac-cpiepet.

Jghid li l-moviment fl-injam isehh ghax jara l-umdu' pero l-qtugh tal-ilma jwassal ghall-ixpakkaturi. Jaqbel li l-ixpakkaturi tal-qtugh tal-ilma huma l-linji rqaq.

Jaqbel li ghall-access il-konvenut ha mieghu bieba ta' din l-istess kcina li huwa ra' li kienet trangat sew u li fil-fatt prova u dahlet f'postha. Izid li fil-fatt hawn reggha qal lill-partijiet li biex tigi rimedjata l-hsara jistghu jinbidlu xi partijiet fejn hemm il-qsim izda m'hemmx ghalfejn tinbidel il-kcina kollha.

Jghid li milli ra huwa l-kcina hija ta' kwalita' tajba hafna izda hemm difetti fil-bibien.

**In kontro-ezami**, xehed[59] li meta tinxtara *bundle* injam jigri li jkun hemm minnu affettwat mil-qtugh tal-ilma, anke jekk ladarba jkun tnixxef suppost dan ma' jkunx hekk affetwat.

Mistoqsi dwar dak li qal li haseb li kien sejjer go *farmhouse* jghid li d-dar li sab hija gdida.

Jghid li l-hsara qieghda f'parti mil-bibien, mhux il-bibien kollha, b'dawn jistghu jinbidlu.

Ma' jaqbilx illi li kieku kien hemm l-umdita' il-hsara kienet ser tkun fil-kcina kollha mhux biss f'partijiet minnha. Jerga jghid li huwa testijiet m'ghamilx hu qed jixhed dwar umdita' skond dak li ra.

[59] Traskrizjzoni a fol 355 sa 358.

Jaqbel li l-hsara li rrizultat sehhet jew kawza ta' umdita' jew kawza ta' qtugh tal-ilma li kien jezisti qabel il-manifattura, b'dan li hu ma' jistax jghid hux kawza jew ohra stante li ma' kienx prezenti waqt il-manifatturazzjoni u anqas waqt l-installazzjoni.

Jghid li mincott, li fih ukoll il-kolla, irid jaghmel moviment qawwi biex jaqta.

Jghid li oltre l-qsim ix-xoghol huwa jakkwalifikah bhala tajjeb.

Jinsisti izda li d-difetti hargu ghax kien hemm injam difettuz izda mil-bqija, bhala manifatturazzjoni, il-kcina nhadmet tajjeb. Jghid li ghalhekk ix-xoghol sar skond is-sengha u l-arti izda l-injam inzerta difettuz.

Jghid li meta l-kcina waslet ghand l-atturi din kienet accettabbli. Izid li difett bhal ma' irrizulta fiha jaf idum ma' johrog. Jghid li tali difett jista' johrog wara 6 xhur jew sena, skond l-umdita' li jsib.

Mistoqsi kif jinterpreta l-affari jekk tali difett johrog wara xahar jghid li jinterpretah bhala xoghol li sar hazin.

## C. Ikkunsidrat:

### Preliminari:

B'din l-istanza l-atturi konjugi Joseph Buttigieg u Fabienne Buttigieg Sultana talbu lill din il-Qorti tordna lill-konvenuti jhallsuhom ammont *da liquidarsi* rapprezentanti danni li soffrew u illi ser jiqghu jsoffru per konsegwenza tal-agir jew nuqqas ta' agir tal-konvenuti meta dawn naqqsu milli jespletaw l-appalt moghti lilhom ghal-manifatturazzjoni, konsenja, u nstallazzjoni ta' kcina u mejda tal-ikel skond is-sengha u l-arti tant li tali opra ghandha difetti u vizzji materjali.

Il-konvenuti laqghu ghal din it-talba billi eccepew li l-appalt gie ezegwit mill-konvenut Michael Gatt opportunament skond is-sengha u l-arti u b'materjal idonju, li ghalhekk m'hemm ebda danni x'jigu likwidati u mhallsa minnhom lill-atturi, u li konsegwentement it-talbiet atturi ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

Eccepew ulterjorment, b'risposta ulterjuri, li t-talbiet atturi huma preskritti a tenur tal-artikolu 1431(1) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.[60]

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Huwa risaput li Qorti msejha sabiex taghti decizjoni dwar preskrizzjoni ghandha taghmel dan f'kap separat tad-decizjoni, qabel jew flimkien mad-decizjoni fuq il-mertu, u dan abbazi tal-Artikolu 730 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, Kap. 12, Ligijiet ta' Malta, li jiddisponi kif isegwi:

> **730.** *L-eċċezzjoni ta' inkompetenza jew ta' illeġittimità ta' persuna, u l-eċċezzjonijiet ta' transazzjoni, arbitraġġ, resjudicata, preskrizzjoni jew nullità ta' atti, għandhom jiġu deċiżi b'kapi għalihom, **qabel, jew flimkien mas-sentenza fuq il-meritu**.*

[Enfazi mizjuda]

Fil-kaz in ezami, filwaqt li l-konvenuti jeccepixxu l-preskrizzjoni ai termini tal-Artikolu 1431(1) tal-Kodici Civili, Kap. 16, Ligijiet ta' Malta, l-atturi, fin-nota tal-osservazzjonijiet taghhom,[61] jghidu li tali preskrizzjoni hija certament inapplikabbli ghal-kaz odjern stante li l-istess kaz jitratta appalt, tant li hekk gie dikjarat minnhom fl-avviz stess li ta' bidu ghal dawn il-proceduri. Josservaw ghalhekk li semmai ghandhom japplikaw il-provizzjonijiet tal-Artikolu 1390 tal-istess Kap. 16.

L-atturi jmorru oltre billi josservaw ukoll[62] li anke jekk ghal-grazzja tal-argument kellu jigi deciz li l-artikolu applikabbli huwa l-Artikolu 1431(1) tal-Kap. 16, xorta ghandhom a dispozizzjoni taghhom r-rimedji provduti fl-Artikolu 1390 tal-Kap. 16 liema rimedji, skonthom, jippreskrivu ruhhom bit-trapass ta' zmien sentejn.

B'dan li, sabiex din il-Qorti tkun tista tiddeciedi liema terminu japplika ghal-kaz odjern, kwistjoni li ghandha bir-ragun tigi deciza qabel kull

[60] Rikors tal-konvenuti tal-4 ta' Marzu, 2020 li bih talbu l-awtorizzazzjoni li jressqu eccezzjoni ulterjuri tal-preskrizzjoni ai termini tal-Artikolu 1431(1) a fol 202. L-Artikolu 1431(1) tal-Kap. 16 jaqra: *L-azzjoni redibitorja u l-azzjoni stimatorja jaqgħu bil-preskrizzjoni, għal dawk li huma immobbli, bl-egħluq ta' sena minn dak in-nhar tal-kuntratt, u, għal dawk li huma ħwejjeġ mobbli, bl-egħluq ta' sitt xhur minn dak in-nhar tal-kunsinna tal-ħaġa mibjugħa.*

[61] Ref.: paragrafi 24 sa 29 tal-istess.

[62] Ref.: para. 29 tan-nota tal-osservazzjonijiet taghhom.

wahda ohra fil-mertu stante li jekk tintlaqa', kapaci ggib fi tmiem l-azzjoni esperita, minghajr ma' tibqa' allura n-necessita' li tinghata decizjoni fil-mertu, din il-Qorti trid taghmel numru ta' kunsiderazzjonijiet ta' natura preliminari ghal dawk fil-mertu u anke dawk legali relattivi ghal-preskrizzjoni nfisha.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Maghdud dan, qabel tista tiddeciedi xi provizzjonijiet min dawk iccitati mil-partijiet ghandhom tassew japplikaw ghal-kawza odjerna, din il-Qorti trid tistabilixxi l-indole u n-natura tal-azzjoni li l-atturi qieghdin jittentaw, kwistjoni necessarja anke sabiex wiehed jiddistingwi liema terminu preskrittiv semmai japplika. B'dan li hawnhekk iridu jigu ezaminati sew il-kliem kif ukoll t-termini uzati fl-att promotur intavolat mill-atturi.

Huwa car li n-natura ta' azzjoni trid tigi stabbilita' qabel kull haga ohra bi kjarezza stante li l-azzjoni pretiza hija inezorabilment marbuta mal-parametri kif espressi fil-provizjonijiet legali applikabbli ghalija.[63]

Fil-kaz odjern, l-atturi jirrizultaw jitolbu danni *da liquidarsi* sofferti u li ghad iridu jibqghu jsoffru per konsegwenza ta' agir jew nuqqas ta' agir tal-konvenuti in relazzjoni ma' appalt moghti lill-konvenut ghal-manifatturazzjoni, konsenja, u nstallazzjoni ta' kcina abbazi ta' allegazzjoni li l-istess appalt ma' sarx skond is-sengha u l-arti u r-regoli applikabbli tant li l-kcina rrizultat, dejjem skonthom, affetta minn difetti u vizzji materjali.

Dan minghajr ma' joffru r-ritorn tal-istess kcina jew jitolbu li jzommu l-istess filwaqt li jigu rimborsati parti mill-prezz imhallas ghalija.

Il-konvenuti jidhru jaqblu ma' dan billi anke fir-risposta taghhom jitkellmu dwar appalt ezegwit mill-konvenut Michael Gatt ghall-manifatturazzjoni, konsenja u nstallazzjoni ta' kcina izda, naturalment, jirrifjutaw li l-istess konvenut naqas fid-dmir tieghu rigward is-sengha u l-arti jew ir-regoli applikabbli.

[63] Ref.: *inter alia,* id-decizjoni moghtija mil-Qorti tal-Appell nhar il-15 ta' Dicembru, 1997 fl-ismijiet ***William Rizzo noe vs Victor Zammit*** u dik moghtija wkoll mill-Qorti tal-appell nhar is-27 ta' Gunju, 1949 fl-ismijiet ***John Aquilina vs Giovanni Coleiro noe*** – Vol. XXXI.i.748.

Issa; l-azzjoni ghad-danni derivanti minn nuqqas ta' konformita' tal-oggett mibjugh mal-kwalita' pattwita temani, kif tajjeb osservat mill-atturi, mill-Artikolu 1390 tal-Kap. 16 li jipprovdi hekk:

> **1390.** *Jekk il-ħaġa li l-bejjiegħ iġib biex jikkunsinna ma tkunx tal-kwalità mwiegħda, jew ma tkunx bħall-kampjun li fuqu l-bejgħ ikun sar, ix-xerrej jista' jagħżel jew li jirrifjuta l-ħaġa u jitlob id-danni, jew li jircievi l-ħaġa bi prezz anqas fuq stima ta' periti.*

Minn qari akkurat tal-att promotur tal-atturi huwa car li dak li qieghdin jitolbu l-atturi m'huwiex rifless f'dak li jipprovdi l-Artikolu 1390 succitat.

Kieku l-atturi riedu tassew jesperixxu l-azzjoni taghhom ai termini tal-Artikolu 1390, kellhom ikunu cari u precizi fil-premessi u talbiet taghhom. Obbligu li talvolta jitnissel kjarament mill-Artikolu 156 tal-Kap. 12.

F'dan il-kaz, l-atturi ma' jidhrux iressqu wahda mit-talbiet previsti fl-Artikolu 1390, ossia: jirrifjutaw il-kcina u jitolbu d-danni jew izommu l-kcina izda jigu rimborsati parti mill-valur imhallas ghalija fuq stima ta' periti.

Infatti, l-espert *ex parte* mressaq minnhom, il-mastrudaxxa Raymond Bajada, fir-rapport tieghu in atti[64] jillikwida valur – €12,000 – bhala dak li jikkolkola li tkun tiswa l-kcina in mertu kieku tigi maghmulha llum bl-istess materjal – mhux bhala valur li jkun gust ghar-rifuzjoni tal-atturi jekk ikollhom jghazlu li jzommu l-kcina ai termini tal-Artikolu 1390.

Per konsegwenza ta' dan, l-atturi, fin-nota tal-osservazzjonijiet taghhom, jghidu biss li d-danni reklamati minnhom huma dettaljati f'tali rapport ta' Raymond Bajada.

Maghdud dan, din il-Qorti hija wkoll tal-fehema li l-azzjoni esperita mill-atturi odjerni anqas ma' tinkwadra ruhha fil-provizzjonijiet legali relattivi ghall-garanzija legali li bejjiegh ikun marbut bihom lejn kompratur rigward difetti li ma' jidhrux.

[64] Rapport a fol 266 *et seq.*

Infatti, l-Artikolu 1427 tal-Kap. 16 jiddisponi kif isegwi:

> **1427.** *Fil-każijiet imsemmijin fl-artikoli 1424 u 1426, ix-xerrej jista' jagħżel, billi jiġi 'l quddiem bl-azzjoni redibitorja, li jagħti lura l-ħaġa u jitlob ir-radd tal-prezz, inkella, billi jiġi 'l quddiem bl-azzjoni stimatorja, li jżomm il-ħaġa u jitlob lura dik il-biċċa mill-prezz li tiġi stabbilita mill-qorti.*

L-azzjoni odjerna certament mhijiex l-*actio aestimatoria* peress li l-atturi ma' talbux li jzommu l-haga – il-kcina – u jiehdu lura parti mill-prezz. Anqas ma' tirrizulta li hija l-*actio redibitorja* peress li l-istess atturi anqas talbu ordni sabiex jigi dikjarat mahlul il-kuntratt u jroddu l-kcina lura b'dan li jigi lilhom rifuz il-valur mhallas ghall-istess; u dan, la fl-att promotur taghhom u anqas tul il-pendenza tal-azzjoni u l-gbir tal-provi.

L-atturi, semmai, dejjem dehru jitolbu biss "danni" sofferti u li jistghu jigu sofferti minnhom b'rizultat ta' agir jew nuqqas ta agir tal-konvenuti f'li jesplicitaw appalt moghti lilhom skond is-sengha u l-arti tant li l-opra – il-kcina – ikkunsinjata mill-konvenuti rrizultat afflitta b'difetti u vizzji.

"Danni" dawn li jistghu, semmai, jigu kkunsidrati ai termini tal-Artikolu 1429(1) tal-Kap. 16 li jaqra:

> **1429.** *(1) Jekk il-bejjiegħ kien jaf bid-difetti tal-ħaġa mibjugħa, hu obbligat mhux biss li jrodd il-prezz li jkun irċieva iżda wkoll li jħallas id-danni lix-xerrej.*

Provizzjoni li tixhet dawl fuq il-hsieb wara l-provi konsiderevoli mressqa mill-atturi dwar difetti inerenti fl-injam li minnu giet immanifatturata l-kcina konsenjata lilhom mill-konvenuti.

B'dan izda li l-atturi stess jinnegaw l-applikazzjoni tal-preskirzzjoni applikappli f'tali kaz fejn ikunu applikabbli kwalunkwe' mill-Artikoli 1427 u 1429, ossia, dik prevvista mill-Artikolu 1431(1) tal-Kap. 16 iccitata mill-konvenuti li jiddisponi kif isegwi:

> **1431 (1).** *L-azzjoni redibitorja u l-azzjoni stimatorja jaqgħu bil-preskrizzjoni, għal dawk li huma immobbli, bl-egħluq ta' sena minn dak in-nhar tal-kuntratt, u, għal dawk li huma ħwejjeġ mobbli, bl-egħluq ta' sitt xhur minn dak in-nhar tal-kunsinna tal-ħaġa mibjugħa.*

F'dan id-dawl, jirrizulta ampjament li ebda provizzjoni dwar preskrizzjoni ccitata mill-partijiet kontendenti m'hi applikabbli ghal kaz in ezami b'dan li allura din il-Qorti tista tghaddi sabiex tqis l-istess fil-mertu.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Fil-mertu, din il-Qorti tosserva li l-atturi jissottomettu li huma ordnaw kcina minghand il-konvenut Michael Gatt li giet installata ghandhom f'April tal-2017.

Ikomplu sabiex konsistentement jixhdu li sa minn xahar wara l-installazzjoni tal-istess kcina, innutaw li l-bibien taghha ma' kienux qed jghalqu sew tant li kienu qed jahbtu l-wahda mal-ohra.

Jghidu mbaghad li lejn l-ahhar ta' Gunju, 2017, meta kienu diga issaldaw il-kont tal-kcina mal-konvenut,[65] innutaw hafna qsim f'diversi bibien taghha u anke li l-wicc tal-*island* formanti parti mill-kcina u maghmul mill-*quartz* beda jintrefa.

Jghidu ghalhekk li baghtu kemm ghal-konvenut kif ukoll ghal tal-irham – Marvic Xerri – li kien wahlilihom il-wicc tal-*island* minn fejn irrizulta li l-irhama tal-*island* intrefet stante caqliq tal-injam tahta. Dwar il-qsim fil-bibien varji, il-konvenut baqa' jghid lill-atturi jistennew sa' mal-injam jaghmel il-moviment naturali li kellu jaghmel u joqod imbaghad, huwa jiehu hsieb jirrimedja kwalunkwe' qsim li jkun hemm.

Izidu li huma komplew jistennew sa' ma' f'Ottubru, 2018 il-konvenut ha bieba wahda mil-kcina taghhom sabiex jara kif jista jirrisolvi l-kwistjoni tal-qsim.

Jixhdu li wara dan, l-attur stess gabar il-bieba li kien ha l-konvenut u hadha f'daru fejn installaha lura fejn kienet. Izidu li mmedjatament innutaw li l-kulur ta' din il-bieba ma' kienx identiku ghal-kumplament tal-kcina izda kienu kuntenti li ghalmenu l-kwistjoni tal-qsim dehret rizolta.

[65] Ref.: kopja tal-kont datat it-18 ta' Mejju, 2017 iffirmat bhala mhallas fil-5 ta' Gunju, 2017 – a fol 58.

Jghidu li dan dam biss il-kaz ghal xi gimaghtejn meta f'din il-bieba reggha fegg il-qsim u regghu baghtu ghal-konvenut[66] li reggha ha l-istess bieba ghandu fejn baqghet fil-pussess tieghu tul anke din il-kawza, tant li anke gabha mieghu fil-Qorti f'okkazzjoni meta xehed f'dawn il-proceduri.

L-atturi jghidu wkoll li f'Dicembru, 2018 mar ghandhom is-supplitur tal-konvenut, Alex Mercieca, li mmedjatament qal li l-kwistjoni kollha tal-hsara gejja mill-umdu fid-dar tal-atturi.

Il-konvenut jaqbel mal-progress tal-affari kif deskritt mill-atturi ghajr fejn jghid li meta l-attur ha l-bieba lura minghandu f'Ottubru, 2018 din kienet sewwa u meta regghu baghtu ghalih xi gimghatejn wara ghaliex qalu li reggha fegg il-qsim huwa qsim ma' rax izda reggha ha l-bieba mieghu kemm sabiex ikellem lis-supplitur tieghu u anke sabiex jikkalma lill-atturi.

Il-partijiet imbaghad it-tnejn ressqu esperti *ex parte* taghhom sabiex jaghtu l-opinjoni taghhom in mertu.

L-atturi ressqu lill-mastrudaxxa ta' certa esperjenza, certu Raymond Bajada, li xehed konsistentement, anke in kontro-ezami, fejn iddikjara minghajr tlaqliq li l-hsara rizultanti fil-kcina tal-atturi, li huwa ezamina in prima persona billi mar id-dar tal-atturi, ma' kienitx ikkagunata minn xejn ghajr dak li fil-mestjier huwa msejjah "qtugh tal-ilma".

Dan ix-xhud provda wkoll rapport dettaljat tieghu dwar dan liema rapport jinkludi wkoll diversi ritratti li juru ghalfejn wasal ghal-konkluzjoni tieghu.[67]

Dan il-"qtugh tal-ilma" gie deskritt bhala fenomenu naturali fejn sigra li qed tikber, jekk tinkedd sabiex tipprosegwi fl-izvilupp taghha, tizviluppa qtugh li jirrendi l-injam li eventwalment jirrizulta mill-konverzjoni taghha f'fallakki ghal-manifatturazzjoni fragli fil-punt tat-tali "qtugh tal-ilma".

[66] Ref.: *screenshots* ta' messaggi mibghutha tramite s-sistema *WhatsApp* a fol 108.
[67] Rapport a fol 266 *et seq.*

L-atturi ressqu wkoll lill-Inginier Renzo Curmi li xehed li wara zewg testijiet maghmulha minnu fil-fond tal-atturi b'apparat teknologiku ma' sabx livelli ta' umdita' gholjin fid-dar taghhom ikkunsidrat dak medju prevalenti fil-gzejjer Maltin kif ukoll il-qari tal-livell tal-umdita' mehud mid-dar tal-atturi kemm fuq gewwa kif ukoll fuq barra. Dan ix-xhud ipprezenta wkoll rapport dettaljat dwar it-testijiet maghmulha minnu fid-dar tal-atturi u r-rizultanzi tal-istess.[68]

Da parti taghhom, il-konvenuti ressqu lill-espert Michael Formosa li ghalkemm ma' ezaminax il-kcina shiha tal-atturi u anqas mar fid-dar taghhom, ezamina bieba mill-istess mghoddija lilu minn Alex Mercieca, is-supplitur tal-injam tal-konvenut Michael Gatt, akkont tal-istess konvenut Michael Gatt. Dan ix-xhud ukoll ressaq rapport miktub.[69]

Dan ix-xhud qal – in partikolari fil-parti konklussiva tar-rapport tieghu izda wkoll fil-kontro-ezami tieghu – li mill-ezami maghmul minnu fuq il-bieba provduta lilu rriskontra hsarat li setghu biss kienu possibbli jekk tali bieba kienet f'dar b'livell ta' umdita' eccessiv tant li jirrendi l-istess inabitabbli.

Oltre dawn l-esperti *ex parte*, gie wkoll mahtur espert tekniku tal-Qorti, il-mastrudxxa wkoll ta' certa esperjenza, Mario Vella li wkoll provda relazzjoni miktuba[70] u kien suggett ghall-eskussjoni u kontro-ezami.

L-espert mahtur mill-Qorti qabel ampjament ma' dak osservat u dikjarat mill-espert *ex parte* tal-atturi Raymond Bajada izda f'certu aspetti qabel ukoll mall-espert *ex parte* tal-konvenuti Michael Formosa.

Dan billi sostna li sabiex jirrizultaw il-hsarat li rrizultaw fil-kcina tal-atturi, ir-ragunijiet setghu kienu biss tnejn: jew il-"qtugh tal-ilma" jew inkella umdita' tant eccessiva li milli kien ra mill-atti sa dakinhar haseb li kien sejjer izomm access f'xi *farmhouse*.

Hawnhekk ta' minn jinghad li l-uniku espert li tassew ghamel ezercizzju ta' qari tal-umdita' fid-dar tal-atturi huwa dak *ex parte* taghhom stess, l-Inginier Renzo Curmi li rrelata li ma sab ebda livell ta' umdu li jezorbita dak li jqies bhala normali.

---

[68] Rapport a fol 110.
[69] Rapport a fol 183.
[70] Relazzjoni a fol 339 *et seq*.

Il-kumplament tal-esperti, inkluz dak mahtur mill-Qorti, xehdu li huma m'ghamlu ebda ezercizzju sabiex jaslu ghal xi determinazzjoni dwar livelli ta' umdita'.

L-istess esperti addizzjonali jaqblu izda f'li kollha jghidu li fid-dar tal-atturi ma' osservaw ebda sinjali ta' umdita', oltre li jaqblu wkoll li l-istess dar hija wahda mibnija gdida – jixhdu fil-fatt l-atturi li din inbniet bejn l-2015 u l -2016 mentri l-kcina *de quo* giet installata fl-2017.

Huwa minnu li l-konvenuti, inkluz tramite d-domandi maghmulha minnhom lill-esperti varji li xehedu tul dawn il-proceduri, ttentaw anke jinsinwaw li peress li l-kcina giet installata tant vicin id-data meta l-proprjeta' tal-atturi kien ghadha kemm tlestit mill-bini – jew addirittura waqt li kienet ghadha anqas hi kompletament lesta[71] – din setghet assorbit hafna mill-umdu li kien ghadu ezistenti fit-torba taht il-madum, fit-tikhil jew kisi tal-hitan, u mkien iehor fl-izvilupp.

B'dan izda li ebda prova sodisfacjenti ma' ngiebet minnhom dwar tali allegazzjoni. Oltre l-fatt li mill-provi, partikolarment f'forma ta' ritratti li ghandha in atti din il-Qorti, ma' tirrizultax kredibbli din l-allegazzjoni li d-dar kienet f'xi stat kif allegat mill-konvenuti.

Jinghad ukoll li kieku ghal grazzja tal-argument kellha tassew tigi accettata l-insinwazzjoni tal-konvenuti li l-kcina kienet installata talment qrib id-data tat-tlestiha tad-dar tal-atturi li assorbit dak l-umdu' rizultanti mix-xoghol ta' kostruzzjoni, bir-rizultat li garbet il-hsarat li jilmentaw minnhom l-atturi; ma' jkunx spjegat kif zmien wara, ossia f'Dicembru, 2019, l-istess kcina kompliet tiggrava fid-difetti taghha,[72] mentri qrib l-istess zmien – ossia bejn it-8 ta' Frar u l-15 ta' Frar, 2019 – l-espert *ex parte* l-Inignier Renzo Curmi ma' sabx livelli ta' umdu gholjin aktar minn normal ghal dar f'Malta.

Oltre l-fatt li fl-2019 inkunu tbieghdna mid-data tat-tlestiha tal-izvilupp tad-dar tal-atturi b'dan li allura tali kcina certament ma' setghetx kien ghadha tassorbi l-umdu tal-kostruzzjoni kif allegat.

[71] Allegazzjoni li ssir diversi drabi dwar twieqi li kienu qed jitwahhlu waqt li qed tigi nstallata l-kcina jew twahhlu biss ftit qabel, soqfa li kien ghadhom ma' nskewx ecc. – ref xhieda tal-konvenut izda anke, *inter alia*, ta' Alex Mercieca.
[72] Ref.: sett ta' ritratti a fol 136 sa 145.

Mill-assjem ta' dan kollu din il-Qorti hija ghalhekk mhus biss ferm aktar propensa li temmen izda addirittura konvinta li l-hsarat rizultanti fil-kcina tal-atturi huma fil-fatt attribwibbli ghal fenomenu naturali msejjah "qtugh tal-ilma" kif ben definit mill-espert *ex parte* tal-atturi, il-mastrudaxxa Raymond Bajada, u dak mahtur minnha stess, il-mastrudaxxa Mario Vella.

Tali difett, kif ben definit minn dawn iz-zewg esperti, huwa wiehed inerenti ghal-materja prima li ghalkemm kif spjegat mill-espert Mario Vella jista jimmanifesta ruhu tard wara l-manifatturazzjoni ta' bicca ghamara, jkun pre-ezistenti l-istess stante li jirrizulta mis-sigra stess waqt li din tkun ghadha hajja.

B'dan li anke f'kaz ta' akkwist ta' materjal – ossia njam – kwalifikat bhala prim – kif kien il-ballut li minnu nhadmet il-kcina tal-atturi odjerni fil-kaz *de quo*;[73] xorta jista jirrizulta dan l-istess difett, u dan kif anke jammetti s-supplitur tal-injam tal-konvenut, Alex Mercieca, fix-xhieda moghtija minnu f'dawn il-proceduri fejn; ghalkemm jghid li huwa qatt ma' ra' dan id-difett fil-ballut izda rah f'injam iehor, ma' jeskludix li anke fil-ballut kwalifikat bhala prim jista jirrizulta xi difett.

Il-Qorti tosserva wkoll li kemm mill-assjem tal-provi prodotti ghal-ezami taghha kif ukoll min dak li huwa komunament maghruf dwar in-natura tal-injam mastizz u kif dan igib ruhu tenut kont tac-cirkostanzi tat-temp: tifhem il-linja ta' domandi maghmulha mill-avukat difensur tal-atturi meta insista f'li jsaqsi jekk kieku tassew kellu jkun hemm l-umdu fid-dar tal-atturi, kellux l-injam tal-kcina taghhom li kien ballut mastizz jespandi biss jew jixpakka kif xpakka.

Il-Qorti tosserva li hawnhekk ix-xhud Alex Mercieca, supplitur tal-injam *de quo*, insista li huwa qsim fl-injam ma' jaghrax fir-ritratti in atti izda jara biss linji bojod rizultat ta' tfaqqih tal-lostru li nghata.

Din il-Qorti izda ma' tarax kif tista taqbel ma' dan meta ir-ritratti in atti ezebiti mar-rapport tal-espert *ex parte* Raymond Bajada[74] kjarament juru spazji fl-injam inniffsu, oltre linji rqaq bojod.

[73] Ref.: l-ircevuta annessa mar-rapport tal-espert *ex parte* Michale Formosa.
[74] Ref.: in partikolari r-ritratt a fol 287.

Oltre dan, l-espert mahtur mil-Qorti stess, Mario Vella, ma' jinnegax l-ezistenza ta' tali xpakkar, jghid izda li semmai l-istess ghandu jigi rimedjat billi jinbidlu l-bibien affetti u li certament m'hemmx bzonn tinbidel il-kcina fl-intier taghha.

Maghdud dan, l-espert tal-Qorti Mario Vella jaqbel ma' dak *ex parte* Raymond Bajada li tali "qtugh tal-ilma" fl-injam li minnu nhadmet il-kcina tal-atturi mill-konvenut Michael Gatt kellu jigi facilment identifikat mill-istess konvenut li, skond l-esperti, is-sengha u l-arti tirrikjedi li tali njam kellu ghalhekk jigi mwarrab.

B'dan li ghalhekk din il-Qorti hija wkoll konvinta kemm mill-konkluzjonijiet tal-espert taghha Mario Vella, li ma' thossx li ghandha ghalfejn tiddipartixxi minnhom, kif ukoll mill-fatt li l-konvenut Michael Gatt messu nduna bid-difett inerenti fl-injam li kien qieghed jahdem il-kcina tal-atturi bih.

In-nuqqas tieghu f'dan is-sens jammonta ghal-nuqqas ta' adempiment minnu sabiex fl-esplicitazzjoni tal-appalt moghti lilu jezercita l-mestjier tieghu in linja mad-dettami tas-sena u l-arti, anke jekk il-kcina ahharija irrizultat mahduma tajjeb – kif jinsisti l-espert tal-Qorti Mario Vella.

Dan stante li l-istess espert tal-Qorti Mario Vella jaghmel distinzjoni bejn il-fatt li ghalkemm il-kcina inhademt b'mod tajjeb, b'mincotti tajbin, u b'mod li meta giet ikkonsenjata lill-atturi dawn kienu kuntenti biha; irrizulta li l-istess hija afflitta minn difett inerenti fl-injam li minnha hija maghmulha liema difett kellu jinqabad mill-konvenut Michael Gatt fil-mument ta' manifatturazzjoni.

**Decide:**

Ghaldaqstant, in vista tal-premess u ghar-ragunijiet kollha hawn fuq espressi, din il-Qorti qieghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi filwaqt illi tiddisponi mill-eccezzjonijiet tal-konvenuti konformement ma' dak hawn deciz, tilqa' it-talba attrici limitatament fis-sens li jirrizulta li l-konvenut ikkonsenja kcina lill-atturi li kienet afflitta minn difett materjali izda tichadha fil-kumplament stante l-impossibilta' li tordna dak miltub mill-atturi ai termini tal-artikolu legali minnhom iccitat – l-Artikolu 1390 tal-Kap. 16 – u t-talba kif minnhom proposta fl-avviz promotur.

Bl-ispejjez ta din il-kawza jinqasmu nofs bin-nofs bejn il-partijiet.

**(ft.) Dr Brigitte Sultana**
**Maġistrat**

**(ft.) D/Reġistratur**

**Vera Kopja**

**Għar-Reġistratur**